Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/2008(INI)

15.4.2025

EMENDI
1 - 264

Abbozz ta' rapport
Hildegard Bentele
(PE768.143v01-00)

Il-futur tas-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE: l-isfruttament tar-riċerka, l-istimolu tal-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività
(2025/2008(INI))

Emenda 1
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi li d-definizzjoni tal-politika tas-saħħa, inklużi l-kunsiderazzjonijiet etiċi marbuta mal-bijoloġija u mal-mediċina, jibqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri,

Or. en

Emenda 2
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport Letta dwar il-Futur tas-Suq Uniku,

Or. en

Emenda 3
Morten Løkkegaard, Sigrid Friis, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru Flimkien Settur tal-Biedja u tal-Ikel Attraenti tal-UE għall-Ġenerazzjonijiet Futuri"(COM/2025/75 final),

Or. en

Emenda 4
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxu d-dritt għall-ħajja u d-dritt għar-rispett għall-integrità fiżika u mentali, inkluż fl-oqsma tal-bijoloġija u l-mediċina, b'mod partikolari l-kunsens liberu u infurmat tal-persuna kkonċernata,

Or. en

Emenda 5
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali dwar il-Ġenoma tal-Bniedem u Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

Or. en

Emenda 6

Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Paolo Borchia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta tat-18 ta' April 2024 bit-titolu "Much More Than a Market" (Ħafna Aktar Minn Suq),

Or. en

Emenda 7
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/6525 (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli),

Or. en

Emenda 8
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-

komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

Or. en

Emenda 9
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki inġusti u permezz ta' informazzjoni aħjar,

Or. en

Emenda 10
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport mid-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE tal-4 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Strategic Dialogue on the Future of EU Agriculture: A shared prospect for farming and food in Europe" (Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura fl-UE: Prospettiva komuni għall-biedja u l-ikel fl-Ewropa),

Or. en

Emenda 11
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri" COM(2025)75 final,

Or. en

Emenda 12
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, 1981 (Nru 155) u l-Konvenzjoni dwar il-Qafas Promozzjonali għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, 2006 (Nru 187) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol,

Or. en

Emenda 13
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" COM(2025)85 final,

Or. en

Emenda 14
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru 87) u l-Konvenzjoni dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol,

Or. en

Emenda 15
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" COM(2025)30 final,

Or. en

Emenda 16
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, filwaqt li joffru avvanzi potenzjali kbar f'ħafna oqsma industrijali, jistgħu joħolqu tħassib sinifikanti dwar is-saħħa u l-etika; billi jrid jiġi rrispettat il-prinċipju ta' prekawzjoni;

Or. en

Emenda 17
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Aa. billi l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura joħolqu r-riskju tal-merkanzifikazzjoni u l-privatizzazzjoni tan-natura u l-affarijiet ħajjin; billi l-innovazzjoni fis-settur trid taqdi l-ħtiġijiet tas-soċjetà u mhux il-massimizzazzjoni tal-profitti; billi r-riċerka, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tekniki jew prodotti li jistgħu joħolqu tħassib ta' natura etika, kif ukoll il-privatizzazzjoni tal-affarijiet ħajjin, iridu jiġu soġġetti

għal dibattitu demokratiku li jinvolvi lis-soċjetà ċivili Ewropea kollha, inklużi t-trade unions;

Or. en

Emenda 18
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi ***l-bijoteknoloġija, skont id-definizzjoni tal-OECD tfisser l-applikazzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija għal organiżmi ħajjin, kif ukoll partijiet, prodotti u mudelli tagħhom, biex jinbidlu materjali ħajjin jew mhux ħajjin għall-produzzjoni tal-għarfien, tal-prodotti u tas-servizzi; billi l-bijomanifattura mhijiex definita b'mod ċar, iżda tista' tinftiehem bħala l-użu tal-bijoteknoloġija jew ta' teknoloġiji oħra, bħal proċessi mekkaniċi, kimiċi jew termali biex jiġu mmanifatturati prodotti b'bażi bijoloġika; billi l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura huma faċilitaturi importanti għall-bijoekonomija b'mod ġenerali; billi*** s-settur huwa kkaratterizzat minn ***rati ta' impjieg u ta'*** produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel***; billi l-bijoteknoloġija tista' tgħin biex issaħħaħ l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u ċ-ċirkolarità tal-UE billi tnaqqas id-dipendenza tal-industrija fuq input mill-fjuwils fossili u dipendenzi***

esterni oħra, inkluż fis-settur agroalimentari u tikkontribwixxi għas-sovranità tal-ikel tal-UE u l-kompetittività tas-settur agrikolu; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija ***u Strateġija dwar il-Bijoekonomija aġġornata***;

Or. en

Emenda 19
Morten Løkkegaard, Olivier Chastel, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Yvan Verougstraete, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, ***fit-trasformazzjoni*** industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	A. billi ***l-Parlament Ewropew jilqa' l-Att Ewropew futur dwar il-Bijoteknoloġija minħabba li*** s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, ***fix-xjenzi tal-ħajja, fil-produzzjoni u t-trasformazzjoni*** industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà ***tal-enerġija u*** tal-ikel; billi ***l-bijoteknoloġija u l-bijosoluzzjonijiet jistgħu jgħinu biex inaqqsu d-dipendenzi esterni tal-UE; billi*** s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji***, termini tas-suq inġusti*** u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta Att tal-UE dwar

il-Bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 20
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija; ***billi innovazzjoni bħal din tirnexxi l-aħjar fis-suq meta tkun allinjata ma' prinċipji ta' ċirkolarità, effiċjenza fir-riżorsi u limiti tal-pjaneta;***

Or. en

Emenda 21
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi ***l-bijoteknoloġija tista' tgħin biex tnaqqas id-dipendenzi esterni tal-UE inkluż fis-settur agroalimentari u tikkontribwixxi għas-sovranità tal-ikel tal-UE; billi*** s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;
	Or. en

Emenda 22
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***għadu qed jiffaċċja***	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***għadma għandux qafas***

ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	***regolatorju koerenti u abilitanti għall-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tiegħu filwaqt li jiżgura l-prinċipji ta' prekawzjoni u l-kontroll demokratiku***; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 23
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn ***tkabbir, impjieg u*** produttività ***għoljin*** ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 24
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern ***mhux komplut***; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern ***li għadu qed jiżviluppa***; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 25
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, ***fl-agrikoltura*** u fis-sigurtà tal-ikel; billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-

mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;	Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 26
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi ***u mill-aktar avvanzati fil-kura tas-saħħa, fit-trasformazzjoni industrijali, fil-bijomanifattura sostenibbli, u fis-sigurtà tal-ikel;*** billi ***s-settur*** tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***għadu qed jiffaċċja ostakli regolatorji u finanzjarji u suq intern mhux komplut; billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija***;	A. billi s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE ġie rikonoxxut bħala wieħed minn għaxar setturi teknoloġiċi strateġiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għas-sostenibbiltà tal-Ewropa; billi s-settur huwa kkaratterizzat minn produttività għolja ħafna u jipprovdi soluzzjonijiet globalment kompetittivi***,*** billi ***l-qafas attwali ma jinkludix definizzjoni legali*** tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***li tirrifletti l-katina tal-produzzjoni kollha kemm hi, id-diversità tat-tekniki involuti, kif ukoll l-opportunitajiet ġodda miftuħa minn avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi***;

Or. en

Emenda 27
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-industriji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura wasslu għall-

iżvilupp u għall-varar ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji fil-kura tas-saħħa, bħal vaċċini abbażi tal-mRNA; billi l-proċessi tal-bijoteknoloġija jistgħu jintużaw biex jimmanifatturaw ingredjenti farmaċewtiċi attivi u inputs tal-manifattura ewlenin għall-mediċini; billi l-bijoteknoloġija diġà hija applikata fil-katina tal-provvista agroalimentari kollha f'diversi aspetti tal-agrikoltura bbażata fuq l-annimali u l-pjanti u indirettament permezz tar-rwol tagħha f'attivitajiet bħall-ġestjoni tal-iskart; billi l-bijoteknoloġija tista' ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-foresti u fil-każ tal-bijomanifattura, is-settur tal-foresti jista' joffri materja prima prodotta b'mod sostenibbli, rinnovabbli u riċiklabbli li tista' tintuża fi prodotti, materjali u applikazzjonijiet innovattivi ta' valur għoli; billi l-materja prima b'bażi bijoloġika, bħall-bijomassa sostenibbli, l-iskart riċiklat u s-CO2 maqbud minn sorsi bijoġeniċi, tista' tintuża bħala materja prima alternattiva għall-manifattura ta' polimeri, plastiks, solventi, żebgħa, deterġenti, kożmetiċi u farmaċewtiċi, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-awtonomija strateġika; billi l-UE tista' tinċentivizza aktar id-domanda tas-suq u l-adozzjoni tas-suq għal prodotti u materjali b'bażi bijoloġika sostenibbli, pereżempju permezz ta' swieq ewlenin, akkwist pubbliku jew rekwiżiti ta' kontenut minimu;

Or. en

Emenda 28
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Aa. billi l-bijoteknoloġija tista' tiġi definita bħala l-applikazzjoni ta' prinċipji xjentifiċi u tekniċi għall-organiżmi ħajjin jew il-komponenti tagħhom bil-għan li jiġu żviluppati prodotti jew proċessi utli; billi din tinkludi oqsma bħall-ġenetika, il-mikrobijoloġija, il-bijokimika u l-inġinerija, u hija applikata f'bosta setturi, inklużi tas-saħħa, tal-agrikoltura u tal-industrija;

Or. en

Emenda 29
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-manifattura ta' prodotti bijoloġiċi, bħala qasam speċjalizzat fil-bijoteknoloġija, tirreferi għall-użu ta' sistemi bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' materjali u prodotti bijoloġikament funzjonali maħsuba għal applikazzjonijiet diversi, b'mod partikolari fis-settur farmaċewtiku, agrikolu u industrijali; billi tinkludi proċessi bħall-koltura taċ-ċelloli, il-fermentazzjoni tal-mikrobi, is-sinteżi enzimatika jew l-assemblaġġ ta' komponenti bijoloġiċi fi strutturi kumplessi; billi l-manifattura ta' prodotti bijoloġiċi tirriżulta minn avvanzi fil-bijoteknoloġija, inkluża l-manipulazzjoni diretta ta' materjal ġenetiku, u b'hekk twitti t-triq għal applikazzjonijiet innovattivi f'bosta dominji;

Or. en

Emenda 30
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic,

Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-manifattura ta' prodotti bijoloġiċi tirrikjedi investiment sinifikanti f'infrastrutturi speċjalizzati ħafna, bħal bijobanek, laboratorji tal-kolturi taċ-ċelloli, pjattaformi tal-istampar 3D bijokompatibbli, bijoreatturi, sistemi ta' kontroll awtomatizzati u robotiċi, teknoloġiji tal-immaġni u tal-karatterizzazzjoni avvanzati, apparat ta' bijokonteniment u bijosikurezza, kif ukoll unitajiet ta' produzzjoni ċertifikata għal użu kliniku u industrijali;

Or. en

Emenda 31
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-manifattura ta' prodotti bijoloġiċi tinkludi firxa ta' tekniki u applikazzjonijiet li jirrikjedu sorveljanza bijoetika rigoruża; billi dawn it-tekniki jinkludu prattiki b'implikazzjonijiet etiċi sinifikanti, bħall-ħolqien ta' kimeri bejn il-bniedem u l-annimali, l-użu bi prekawzjoni ta' ċerti organiżmi ġenetikament modifikati, it-tishiħ ġenetiku, l-użu ta' ċelloli staminali embrijonali jew pluripotenti tal-bniedem, il-gameti sintetiċi, kif ukoll l-editjar tal-ġenoma ġerminali; billi l-Istati Membri jistgħu jirriżervaw id-dritt li jadottaw miżuri aktar stretti abbażi tal-għażliet bijoetiċi sovrani tagħhom; billi għażliet

nazzjonali bħal dawn, imsejsa fuq il-bijoetika, ma għandhomx jitqiesu bħala ostakli għall-iżvilupp industrijali tal-Unjoni, u lanqas bħala ksur taż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

Or. en

Emenda 32
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali; ***billi l-komunikazzjoni "Nibnu l-futur bin-natura: It-Tisħiħ tal-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura fl-UE" tistabbilixxi serje ta' azzjonijiet proposti, inkluża l-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, aċċess imtejjeb għall-finanzi, l-istimolu tad-domanda, is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju u t-tisħiħ ta' ħiliet speċjalizzati; billi t-tranżizzjoni minn riċerka fundamentali għal innovazzjoni applikata fil-qafas tal-bijoteknoloġija u l-manifattura ta' prodotti bijoloġiċi tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn ir-riċerka akkademika, l-atturi industrijali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi;***

Or. en

Emenda 33
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ***ma għandhiex*** qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed ***biex tespandi b'mod effiċjenti*** l-innovazzjoni, ***tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza*** teknoloġiji ġodda; billi ***proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali***;	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ***l-potenzjal tagħha jibqa' mhux sfruttat minħabba n-nuqqas ta'*** qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed ***li jippermetti l-espansjoni effiċjenti tal-innovazzjoni***, ***tal-attrazzjoni tal-investimenti, tal-penetrazzjoni tas-suq u tal-adozzjoni ta'*** teknoloġiji ġodda; billi ***l-frammentazzjoni hija ggravata minn inċertezzi regolatorji, inkluża klassifikazzjoni mhux xierqa, li jfixklu t-trattament regolatorju u l-aċċess għas-suq***; ***billi jeħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti, koerenti u konsistenti tul il-ftit snin li ġejjin biex l-Ewropa ssir il-mexxej globali fil-bijoteknoloġija u x-xjenzi tal-ħajja b'livell konkret ta' bidla, sostnuta minn proċess xieraq li jkun appoġġjat minn kontrolli tal-kompetittività u finanzjament adegwat;***

Or. en

Emenda 34
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi ***l-Parlament Ewropew appella għall-irduppjar tal-baġit***

iżviluppaturi tal-proġetti ’l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;	***tal-UE għar-riċerka; billi l-investimenti privati Ewropej fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni għadhom lura meta mqabbla ma’ ta’ ekonomiji ewlenin oħra; billi l-promozzjoni tal-investimenti f’impjanti tal-produzzjoni ta’ dimostrazzjoni u kummerċjali pijunieri tista’ tħaffef il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet Ewropej: billi*** proċeduri ta’ awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti ’l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;

Or. en

Emenda 35
Damian Boeselager
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, ***iżda ma għandhiex*** qafas ta’ politika ***kkoordinat biżżejjed*** biex tespandi b’mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta’ awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti ’l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, ***billi huwa meħtieġ*** qafas ta’ politika ***aktar ikkoordinat*** biex tespandi b’mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda ***li jirrispettaw il-prinċipji ta’ prekawzjoni, jiżguraw standard ambjentali u etiku għoli u jwasslu valur pubbliku***; billi proċeduri ta’ awtorizzazzjoni twal ***mingħajr ġustifikazzjoni, primarjament ikkawżati min-nuqqas ta’ kapaċità amministrattiva, jistgħu*** jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti ’l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali ***u jistgħu jittejbu għaċ-ċarezza u l-effiċjenza mingħajr ma jdgħajfu s-salvagwardji essenzjali għas-saħħa, għall-bijodiversità u għall-obbligu ta’ rendikont demokratiku***;

Or. en

Emenda 36
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; ***billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;***	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda;

Or. en

Emenda 37
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ***ma għandhiex*** qafas ***ta' politika kkoordinat*** biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ***teħtieġ*** qafas ***ikkoordinat*** biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali ***li qed jipperikolaw din il-pożizzjoni ta' tmexxija***;

Or. en

Emenda 38
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Christophe Grudler, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;	B. billi l-UE hija mexxej globali fil-kapaċità tar-riċerka u tal-bijomanifattura, iżda ma għandhiex qafas ta' politika kkoordinat biżżejjed biex tespandi b'mod effiċjenti l-innovazzjoni, tattira l-investimenti u tikkummerċjalizza teknoloġiji ġodda; billi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal***, b'mod partikolari ż-żminijiet tal-approvazzjoni,*** jimbuttaw lill-iżviluppaturi tal-proġetti 'l barra mill-UE u jxekklu l-użu u t-tkabbir industrijali;

Or. en

Emenda 39
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-reġjuni ultraperiferiċi (ORs) tal-Unjoni Ewropea għandhom żoni marittimi vasti u li għadhom mhumiex sfruttati biżżejjed mgħammra b'bijodiversità eċċezzjonali u potenzjal ta' innovazzjoni qawwi; billi l-bijoteknoloġiji tal-baħar joffru opportunitajiet uniċi għall-iżvilupp ekonomiku, is-sostenibbiltà ambjentali u l-awtonomija strateġika, b'mod partikolari fis-settur farmaċewtiku, fl-akkwakultura, fl-applikazzjonijiet kożmetiċi u fil-ktajjen tal-valur abbażi tal-algi; billi l-iżvilupp ta' strateġija għall-innovazzjoni sovrana u bbażata fuq post fl-ORs huwa essenzjali biex jinħolqu

impjiegi bi kwalifiki għoljin u tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali;

Or. en

Emenda 40
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-awtorizzazzjoni fit-tul u kumplessa għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-importazzjoni ta' prodotti tal-bijoteknoloġija tirrappreżenta żvantaġġ kompetittiv għall-operaturi tal-UE, tagħti spinta lill-iżviluppaturi tal-proġetti barra mill-UE u xxekkel il-varar u t-tkabbir industrijali; billi l-proċessi ta' awtorizzazzjoni regolatorja eżistenti għal prodotti tal-bijoteknoloġija jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza biex jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' kompetittiva fuq livell globali;

Or. en

Emenda 41
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza li jkun hemm ktajjen tal-valur tal-materja prima u kapaċitajiet tal-manifattura robusti fl-Ewropa, biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista ta' prodotti kritiċi u jiġu mmitigati n-nuqqasijiet, pereżempju fil-mediċini essenzjali;

Or. en

Emenda 42
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi ***l-prezzijiet*** għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' ***materja prima ewlenija disponibbli qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji*** start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;	C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata ***u fil-biċċa l-kbira limitata għal skala nazzjonali***; billi ***l-kostijiet*** għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' ***aċċess għal investiment u swieq xierqa jistgħu jirrappreżentaw sfidi għal kumpaniji*** start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u ***ċ-ċirkolarità, is-sostenibbiltà u*** r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE***, biex jimmodernizzaw u jiddekarbonizzaw l-industrija tal-Ewropa, jipproteġu l-ambjent u jsaħħu l-funzjonijiet u l-bijodiversità tal-ekosistemi***;

Or. en

Emenda 43
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' materja prima	C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' materja prima

ewlenija disponibbli qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;	ewlenija disponibbli qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu ***u għall-varar fuq skala kbira***; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista***, inkluża d-disponibbiltà tal-materja prima,*** huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 44
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi l-prezzijiet għoljin tal-enerġija ***u n-nuqqas ta' materja prima ewlenija disponibbli*** qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;	C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi l-prezzijiet għoljin tal-enerġija***, il-pożijiet regolatorji u l-ostakli għall-aċċess għal materja prima ewlenija, materja prima u komponenti*** qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 45
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi ***l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' materja prima ewlenija disponibbli qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma*** essenzjali ***biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE***;	C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha frammentata; billi ***l-ekwità privata hija*** essenzjali ***għall-kumpaniji tas-settur, u din id-dipendenza hija partikolarment qawwija għall-SMEs u għall-kumpaniji start-up, iżda bħalissa tibqa' mhux biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom***;

Or. en

Emenda 46
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha ***frammentata***; billi l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' materja prima ewlenija disponibbli qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;	C. billi l-ekosistema tal-investiment u tal-kapital ta' riskju fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura tal-Ewropa għadha ***anqas kompetittiva minn dik f'xi pajjiżi terzi***; billi l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u n-nuqqas ta' materja prima ewlenija disponibbli qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 47
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu infrastruttura u appoġġ ewlenin li huma meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli tal-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura; billi l-istituti tar-riċerka pubbliċi u l-universitajiet għandhom rwol kruċjali fl-avvanz tar-riċerka fundamentali meħtieġa għas-settur; billi l-awtoritajiet regolatorji pubbliċi kif ukoll l-aġenziji ambjentali huma korpi essenzjali biex jiżguraw il-konformità mal-istandards ambjentali u soċjali; billi l-istituzzjonijiet pubbliċi jeħtiġilhom jiġu pprovduti r-riżorsi meħtieġa, inklużi dawk umani u finanzjarji, biex jissodisfaw il-missjoni tagħhom fi skedi ta' żmien li jiffaċilitaw l-iżvilupp tas-settur;

Or. en

Emenda 48
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-piżijiet regolatorji għaljin, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija kif ukoll l-ostakli għall-aċċess għal materja prima ewlenija qed jillimitaw il-kapaċità tal-kumpaniji start-up u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) oħra milli jespandu; billi l-kapaċità tal-bijomanifattura u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista huma essenzjali biex inkunu anqas dipendenti fuq atturi mhux tal-UE; billi, fl-istess ħin, ktajjen tal-provvista globali effettivi — inklużi sħubiji strateġiċi ma' atturi globali affidabbli — huma daqstant vitali biex jiżguraw aċċess

stabbli għal riżorsi kritiċi, jevitaw tfixkil fil-provvista u jrawmu innovazzjoni kontinwa f'teknoloġiji essenzjali;

Or. en

Emenda 49
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Olivier Chastel, Sigrid Friis, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. Jenfasizza l-importanza li jiżdied l-użu ta' materja prima b'bażi bijoloġika sostenibbli bħala parti mis-soluzzjoni biex sal-2050 tintlaħaq industrija kimika u tal-plastik b'emissjonijiet żero netti; jisħaq fuq il-potenzjal tal-bijoteknoloġija li tittrasforma l-industrija tar-raffinerija u dik kimika lejn il-bijomanifattura biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ħalli jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 50
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta Strateġija dwar il-Bijoekonomija aġġornata sal-aħħar tal-2025; billi l-oqfsa regolatorji tal-UE attwali ma jindirizzawx b'mod speċifiku l-ispeċifiċitajiet ta' prodotti b'bażi bijoloġika;

Or. en

Emenda 51
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi fil-futur jista' jkun hemm żieda fid-domanda għall-bijomassa, u dan jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li huma stabbiliti kriterji tas-sostenibbiltà adegwati u koerenti biex jiġu żgurati l-produzzjoni u l-ipproċessar sostenibbli tal-bijomassa li għadha mhijiex koperta minn kriterji tas-sostenibbiltà tal-UE eżistenti;

Or. en

Emenda 52
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati u pubbliċi f'impjanti tal-produzzjoni ta' dimostrazzjoni u kummerċjali li huma l-ewwel ta' dan it-tip hija ta' importanza kruċjali biex tiġi aċċellerata l-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet Ewropej fl-industriji b'bażi bijoloġika;

Or. en

Emenda 53
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE ***huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess*** għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ***għandhom*** jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom ***perkors*** ta' żvilupp ***ċar***; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;	D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE ***jridu jkunu mfassla għal ħtiġijiet speċifiċi għas-settur, filwaqt li jinżammu biżżejjed similaritajiet biex jiġu permessi ċertezza legali u infurzar konsistenti fis-suq intern kollha, u b'hekk ikun possibbli aċċess*** għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ***jistgħu*** jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom ***ambjenti ta' ttestjar adegwati qabel ma jinvestu bis-sħiħ f'perkorsi*** ta' żvilupp ***speċifiċi***; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija; ***billi kwalunkwe leġiżlazzjoni trid tinkludi salvagwardji ambjentali u tas-sostenibbiltà sodi biex jiġi żgurat li l-iżviluppi fil-bijoteknoloġija ma jikkompromettux l-integrità ekoloġika jew is-saħħa tal-bniedem;***

Or. en

Emenda 54
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu	D. ***billi l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura huma rregolati f'ħafna oqfsa regolatorji differenti;*** billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u

inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet ***tal-industrija***;

għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi***; billi l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħall-proċedura tar-rikonoxximent reċiproku għadha inkonsistenti fl-Istati Membri kollha***; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet ***tal-industriji***;

Or. en

Emenda 55
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li	D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi***; billi għandhom jitqiesu l-ottimizzazzjonijiet amministrattivi għall-proċessi ta' awtorizzazzjoni tal-UE tal-innovazzjonijiet ġodda, inkluż fir-Regolament dwar l-Ikel Ġdid (2015/2283)***; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun

jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;	iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;

Or. en

Emenda 56
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;	D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi***; billi l-proċessi tal-awtorizzazzjoni twal, b'mod partikolari ż-żminijiet għall-approvazzjoni, jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti u mtejba biex jikkompetu mal-iskedi ta' żmien barra mill-UE***; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;

Or. en

Emenda 57
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali ***u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiġu estiżi biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar***; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;	D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu ta' eżempji ta' lakuni u ta' nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;

Or. en

Emenda 58
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom ***jiġu estiżi*** biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu	D. billi l-oqfsa regolatorji attwali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura tal-UE huma inkonsistenti fis-setturi kollha, filwaqt li joħolqu inċertezza legali u jnaqqsu r-ritmu tal-aċċess għas-suq għal soluzzjonijiet innovattivi; billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom ***jitfasslu*** biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji emerġenti jkollhom perkors ta' żvilupp ċar; billi regolament ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija għandu jkun iġġustifikat kif xieraq bl-użu

ta’ eżempji ta’ lakuni u ta’ nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;	ta’ eżempji ta’ lakuni u ta’ nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni attwali, filwaqt li jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;

Or. en

Emenda 59
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-proposta leġiżlattiva futura dwar il-bijoteknoloġija ma tridx tkun ibbażata biss fuq kunsiderazzjonijiet tal-politika industrijali u tal-kompetittività, iżda trid tqis bis-sħiħ ukoll il-korp ta’ regolamenti tal-bijoetika u l-prinċipji fis-seħħ fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha; billi dan il-qafas irid jinkludi, fost l-oħrajn, konformità stretta mar-regoli li jmexxu l-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM), il-projbizzjoni ta’ ċerti prattiki tal-bijoteknoloġija meqjusa inkompatibbli mad-dinjità tal-bniedem, is-salvagwardji li jikkonċernaw il-manipulazzjoni ta’ embrijuni tal-bniedem u ta’ ċelloli ġerminali, ir-regolamenti dwar l-użu ta’ ċelloli staminali u gameti sintetiċi, il-proċeduri ta’ awtorizzazzjoni minn qabel għal applikazzjonijiet kliniċi u mediċi, l-obbligi ta’ trasparenza, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data ġenetika, kif ukoll ir-rispett ġenerali għad-drittijiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi l-Istati Membri jeħtiġilhom iżommu d-dritt li jadottaw miżuri aktar restrittivi fil-qasam tal-bijoetika, mingħajr ma dawn il-miżuri jitqiesu bħala ostakli għall-funzjonament tas-suq intern jew għall-iżvilupp tal-

istrateġija industrijali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 60
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi, fil-kuntest taż-żieda fl-AMR, l-Att tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija għandu jirrikonoxxi trattamenti alternattivi u innovattivi u jappoġġja ċ-ċarezza legali kif ukoll l-innovazzjoni u l-perkorsi tal-aċċess għas-suq armonizzati eż. fil-każ ta' batterjofagi, li jirrappreżentaw klassi ewlenija ta' aġenti bijoloġiċi b'potenzjal għoli li jindirizzaw ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR), jappoġġjaw it-terapiji ta' preċiżjoni li jkollhom fil-mira l-mikrobijoma, jippermettu l-kontroll bijoloġiku ekoloġiku fl-ikel u fl-agrikoltura, u jikkontribwixxu għall-bijosigurtà u għall-istrateġiji ta' sostenibbiltà tal-UE;

Or. en

Emenda 61
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi qafas regolatorju effettiv għat-twettiq ta' riċerka klinika huwa essenzjali għall-kompetittività tal-aspetti l-aktar intensivi fl-innovazzjoni tas-settur tal-farmaċewtika u tal-bijoteknoloġija tal-UE; billi nuqqas ta' armonizzazzjoni u

simplifikazzjoni tal-istandards diverġenti applikati minn awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha jnaqqas ir-ritmu tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal studji kliniċi b'bosta pajjiżi u jagħmel il-proċess jiswa aktar flus u ta' piż;

Or. en

Emenda 62
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku fl-UE tal-prodotti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għandhom jissaħħu aktar;

Or. en

Emenda 63
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-aspetti etiċi tal-bijoteknoloġija għandhom jiġu mmonitorjati bir-reqqa; billi s-soċjetà ċivili għandha rwol kruċjali fis-tiswir ta' politiki tal-bijoteknoloġija responsabbli u etiċi, u tista' taġixxi bħala pont bejn il-komunitajiet tekniċi, il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-pubbliku ġenerali; billi r-rwol tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali fl-iżgurar tal-fiduċja pubblika, fil-promozzjoni ta' kunsiderazzjonijiet etiċi u s-salvagwardja

tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent; billi d-djalogu regolari u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati inklużivi huma importanti biex jiġi żgurat li l-aspetti etiċi jiġu inklużi fil-politiki relatati mal-bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 64
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-pedament etiku tal-Unjoni Ewropea għandu jkun ibbażat fuq valuri ċentrali bħall-invjolabbiltà tad-dinjità tal-bniedem, l-integrità tal-persuna, l-importanza tal-bniedem fuq l-interess uniku tax-xjenza jew tas-soċjetà, il-projbizzjoni tal-klonazzjoni riproduttiva u prattiki ewġeniċi, ir-rekwiżit ta' kunsens liberu u infurmat għal kwalunkwe intervent mediku, il-projbizzjoni ta' gwadann finanzjarju mill-ġisem tal-bniedem u jew il-partijiet tiegħu, in-nuqqas ta' jedd għall-privattivi ta' materja ħajja u ċ-ċaħda tad-diskriminazzjoni bbażata fuq karatteristiċi ġenetiċi;

Or. en

Emenda 65
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi r-regolament il-ġdid tal-UE

kollha fil-forma ta' att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija trid tinkludi kapitolu soċjali ambizzjuż biex jitqiesu l-isfidi li se jiffaċċjaw il-ħaddiema; billi l-impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol tajba u pagi deċenti se jkunu essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema fit-tranżizzjoni f'dan is-settur emerġenti; billi t-trade unions u l-istrumenti tan-negozjar kollettiv għandu jkollhom rwol kruċjali fl-iżgurar tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur f'ambjent kompetittiv immens;

Or. en

Emenda 66
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi kwalunkwe appoġġ pubbliku għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għandu jkun soġġett għar-rispett ta' kundizzjonalitajiet speċjali u ambjentali stretti kif ukoll il-projbizzjonijiet ta' sensji u d-distribuzzjoni ta' dividendi eċċessivi lill-azzjonisti;

Or. en

Emenda 67
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni sinifikanti fl-applikazzjoni u

fl-interpretazzjoni ta' prinċipji bijoetiċi; billi kwalunkwe regolament futur fil-qasam tal-bijoteknoloġija jrid jirrispetta bis-sħiħ dawn il-prinċipji fundamentali filwaqt li jippermetti l-progress xjentifiku u l-iżvilupp industrijali;

Or. en

Emenda 68
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-inġinerija tad-DNA u tal-organiżmi qed issir dejjem aktar f'bijofunderiji awtomatizzati, li jipproduċu ammont kbir ta' data u disinji u għarfien imtejba tal-funzjonijiet bijoloġiċi;

Or. en

Emenda 69
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi huma meħtieġa integrazzjoni tad-data mingħajr xkiel ta' sorsi ta' data differenti inkluża data ġenomika, proteomika u klinika, u interoperabbiltà biex jippermettu lil sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) iwasslu informazzjoni intuwittiva sinifikattiva;

Or. en

Emenda 70
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. billi l-intersezzjoni bejn l-IA u l-bijoteknoloġija tas-saħħa tista' tixpruna l-innovazzjoni fl-iskoperta tal-mediċina personalizzata, li ġġib benefiċċji għas-saħħa u għall-ambjent; billi l-integrazzjoni tal-IA fil-bijoteknoloġija tippreżenta wkoll sfidi etiċi, li jridu jiġu indirizzati ħalli jiġu żgurati innovazzjoni responsabbli u benefiċċju għas-soċjetà; billi tħassib ewlieni jinkludi l-privatezza u s-sigurtà tad-data, minħabba li s-sistemi tal-IA ta' spiss jittrattaw data ġenetika u tas-saħħa sensittiva, li teħtieġ qafas etiku robust biex jipproteġi d-drittijiet tal-individwi u jżomm il-fiduċja pubblika; billi kwalunkwe użu ta' data personali u mhux personali jeħtieġ li jsir taħt miżuri stretti ta' psewdonimizzazzjoni u anonimizzazzjoni rispettivament;

Or. en

Emenda 71
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Df (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Df. billi l-qafas regolatorju attwali tal-UE ma jindirizzax b'mod adegwat ir-riskji, l-opportunitajiet u r-responsabbiltajiet li qed jevolvu assoċjati mat-trattament, man-negozju u mas-sinteżi ta' materjal bijoloġiku, b'mod partikolari fil-kuntest tal-bijoloġija sintetika u l-bijoteknoloġija bbażata fuq l-IA; billi bħalissa ma jeżistux regolamenti

universali obbligatorji li jirrikjedu li l-kumpaniji tas-sinteżi tal-aċidu nuklejku jiskrinjaw l-ordnijiet tagħhom; billi dan id-distakk fis-sigurtà jrid jiġi indirizzat mill-UE u permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali; billi n-nuqqas ta' standards infurzabbli jpoġġi lis-soċjetà f'riskju u lil kumpaniji konxji mis-sigurtà fi żvantaġġ kompetittiv;

Or. en

Emenda 72
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dg. billi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u innovazzjoni responsabbli, il-finanzjament għar-riċerka tal-UE għandu jkun marbut mal-konformità bi standards tal-bijosigurtà definiti b'mod ċar u verifikati esternament;

Or. en

Emenda 73
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza u l-komplementarjetà fil-leġiżlazzjonijiet kollha li jista' jkollhom impatt fuq it-tkabbir ta' kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura Ewropej, billi jiġu evitati sforzi doppji li diġà saru fl-oqfsa eżistenti; jistieden lill-

	Kummissjoni tipprovdi l-Att dwar il-Bijoteknoloġija futur bi spjegazzjoni tal-interazzjoni tiegħu ma' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra;

Or. en

Emenda 74
Morten Løkkegaard, Yvan Verougstraete, Olivier Chastel, Christophe Grudler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, f'konformità mad-definizzjoni tal-OECD tal-bijoteknoloġija: il-bijoteknoloġija tapplika x-xjenza u t-teknoloġija għal organiżmi ħajjin, kif ukoll partijiet, prodotti u mudelli tagħhom, biex tibdel materjali ħajjin jew mhux ħajjin għall-produzzjoni ta' għarfien, oġġetti u servizzi;

Or. en

Emenda 75
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, ***kif ukoll*** minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;	1. ***Jilqa' r-regolament il-ġdid fl-UE kollha fil-forma ta' Att tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija biex jiġu indirizzati lakuni u nuqqasijiet konkreti fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni eżistenti, filwaqt li jiffoka fuq l-ispeċifiċitajiet tal-industrija;***

jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn ***kontrolli tal-kompetittività, inklużi proposti li bħalissa għaddejjin mill-proċedura koleġiżlattiva, kif ukoll minn*** valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, ***u*** minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju; ***jitlob li l-kontrolli u l-valutazzjonijiet iqisu l-impatt fuq l-SMEs, il-kumpaniji start-up u l-kumpaniji li qed jespandu;***

Or. en

Emenda 76
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni;*** jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;	1. Jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju; ***jitlob li jiġi inkluż kapitolu soċjali ambizzjuż fl-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija biex iqis il-bosta sfidi li l-ħaddiema se jiffaċċjaw f'dan is-settur, bħat-titjib tal-ħiliet meħtieġ f'setturi mill-aktar avvanzati, postijiet tax-xogħol potenzjalment perikoluż li fihom iridu jiġu ggarantiti l-ogħla standards tas-saħħa okkupazzjonali u tas-sikurezza kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u pagi deċenti biex tiġi żgurata l-attraenza tas-settur;***

Or. en

Emenda 77
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni; jitlob li l-att*** tal-UE dwar il-bijoteknoloġija ***jkun akkumpanjat*** minn valutazzjoni tal-impatt ***u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju***;	1. ***Jistieden lill-Kummissjoni tqis li tipproponi Att*** tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija ***b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' li jkopri firxa komprensiva ta' setturi li jużaw applikazzjonijiet tal-bijoteknoloġija u teknoloġiji tal-bijomanifattura, biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni toħloq leġiżlazzjoni tal-UE koerenti fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jenfasizza li l-proposti leġiżlattivi l-ġodda jridu jkunu allinjati ma' prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, li jiżguraw li kwalunkwe miżura ġdida tkun akkumpanjata*** minn valutazzjoni tal-impatt;

Or. en

Emenda 78
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja ***l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni***; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;	1. Jissottolinja ***li l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura huma oqsma industrijali ġodda u r-reġim regolatorju jrid ikun flessibbli biżżejjed biex jippermetti l-iżvilupp filwaqt li jipprovdi biżżejjed salvagwardji ta' sikurezza u sigurtà***; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun ***ibbażat fuq regoli sempliċi u ċari u*** akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ***u opinjoni tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-***

Tibdil fil-Klima;

Or. en

Emenda 79
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni; Jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;	1. Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni***; jitlob, għalhekk, li jekk jiġi propost Att tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija kif imħabbar mill-Kummissjoni, tiġi ppreżentata leġiżlazzjoni li tista' tiġi abolita, issimplifikata, irrazzjonalizzata jew fejn jista' jitnaqqas il-piż burokratiku***; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;

Or. en

Emenda 80
Dimitris Tsiodras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, kif ukoll minn valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;	1. Jissottolinja l-impenn tal-Parlament għall-prinċipji ta' "one in, one out" u ta' simplifikazzjoni; jitlob li l-att tal-UE dwar il-bijoteknoloġija jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt u tal-kostijiet, ***li tkopri l-ekosistema u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-bijoteknoloġija sħaħ,*** kif ukoll minn

valutazzjoni komprensiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;

Or. en

Emenda 81
Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, f'konformità mad-definizzjoni tal-OECD tal-bijoteknoloġija: il-bijoteknoloġija tapplika x-xjenza u t-teknoloġija għall-organiżmi ħajjin, kif ukoll partijiet, prodotti u mudelli tagħhom, biex tibdel materjali ħajjin jew mhux ħajjin għall-produzzjoni ta' għarfien, oġġetti u servizzi u l-bijomanifattura b'mod newtrali għat-teknoloġija, biex tinkludi b'mod wiesa' l-produzzjoni ta' materjali u prodotti b'bażi bijoloġika, inkluż, iżda mhux limitat għal, permezz ta' proċessi kimiċi, mekkaniċi jew termali;

Or. en

Emenda 82
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li l-immappjar ta' ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika industrijali ewlenin huwa essenzjali għall-identifikazzjoni ta' konġestjonijiet u ineffiċjenzi sistemiċi li jxekklu l-

bijoteknoloġija u l-bijomanifattura; ifakkar li valutazzjoni bħal din għandha sservi bħala pedament robust għall-Att dwar il-Bijoteknoloġija, li tippermettilu jindirizza dawn ir-restrizzjonijiet u jissimplifika proċessi regolatorji;

Or. en

Emenda 83
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija ***u tal-Bijomanifattura***", fil-Kummissjoni ***biex jiġu żgurati l-allinjament u l-koordinazzjoni fid-dominji tal-politika kollha li għandhom impatt fuq is-settur***; ***jirrakkomanda li jiġu żgurati kundizzjonijiet qafas li jiżguraw adozzjoni rapida u effiċjenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, b'mod partikolari f'dawk l-oqsma li jwasslu għal effetti diretti u pożittivi għaċ-ċittadini u għall-pazjenti fl-UE kollha;***

Or. en

Emenda 84
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija ***futura*** għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami ***futur*** tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE***, l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Att dwar l-Innovazzjoni u l-Patt għal Industrija Nadifa u l-Komunikazzjoni dwar il-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel adottati dan l-aħħar***, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija ***u tal-Bijomanifattura***", fil-Kummissjoni ***biex titrawwem koerenza akbar fil-leġiżlazzjoni kollha u jiġu permessi espansjoni aktar effiċjenti u kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-RŻI***;

Or. en

Emenda 85
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; ***jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' qafas ta' proprjetà***

“Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija”, fil-Kummissjoni;	***intellettwali stabbli, prevedibbli u bbilanċjat biex tiġi ssalvagwardjata u użata l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjamenti ħalli tiġi żgurata ekosistema dinamika tal-bijoteknoloġija fl-UE***; jappella biex jinħoloq korp ta’ koordinazzjoni uniku, bħal “Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija”, fil-Kummissjoni;

Or. ro

Emenda 86
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta’ kompetenza industrijali u ta’ riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta’ koordinazzjoni uniku, bħal “Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija”, fil-Kummissjoni;	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta’ kompetenza industrijali u ta’ riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta’ koordinazzjoni uniku, bħal “Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija”, fil-Kummissjoni; ***sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni, il-koerenza u komplementarjetà fid-Direttorati Ġenerali rilevanti bħad-DĠ GROW, id-DĠ RTD u d-DĠ SANTE; jenfasizza l-importanza tal-isforzi biex jittejbu l-koerenza u l-koordinazzjoni tal-politika fuq livell nazzjonali;***

Or. en

Emenda 87
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE***, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel, ir-rieżami tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), l-Istrateġija għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up u l-Att dwar l-Innovazzjoni***, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 88
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-koerenza u l-konsistenza fl-inizjattivi u l-miżuri leġiżlattivi kollha li jistgħu jaffettwaw l-innovazzjonijiet tal-bijoteknoloġija, il-***

kumpaniji start-up u l-kumpaniji; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 89
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni; ***li għandu, bħala parti mill-portafoll tiegħu, ikopri kwistjonijiet etiċi, soċjali u demokratiċi relatati mal-użu tal-bijoteknoloġiji;***

Or. en

Emenda 90
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-

bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;	bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara ***u b'parametri referenzjarji ambjentali u taċ-ċirkolarità ċari inkorporati fl-istrateġiji kollha***; jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 91
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; ***jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;***	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara;

Or. en

Emenda 92
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara; ***jappella biex jinħoloq korp ta' koordinazzjoni uniku, bħal "Uffiċjal Kap tal-Bijoteknoloġija", fil-Kummissjoni;***	2. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-inizjattivi futuri u attwali relatati mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura, bħar-rieżami tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija u l-istrateġija futura għax-xjenzi tal-ħajja tal-UE, bl-objettiv li tissaħħaħ l-industrija permezz ta' kompetenza industrijali u ta' riċerka u żvilupp (R&D) ċara;

Or. en

Emenda 93
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tintegra d-dimensjoni tal-bijoekonomija blu fil-proposta leġiżlattiva futura dwar il-bijoteknoloġija, u tiżviluppa pjan direzzjonali ddedikat għall-bijoteknoloġiji tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi (ORs); jappoġġja l-istabbiliment taċ-ċentri reġjonali ta' eċċellenza fil-bijoteknoloġija tal-baħar fl-ORs, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-universitajiet lokali, mal-istituti tar-riċerka u mal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); iħeġġeġ, għalhekk, is-simplifikazzjoni u l-istabbilizzazzjoni fit-tul ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija tal-baħar, b'mod partikolari fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, InvestEU u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-oqfsa regolatorji Ewropej jiġu adattati għar-realtajiet

soċjoekonomiċi u ekoloġiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u s-sovranità marittima tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 94
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-inizjattivi leġiżlattivi futuri jkollhom kamp ta' applikazzjoni wiesa' biżżejjed biex jinkludu l-firxa tas-setturi inklużi, u jissottolinja b'mod speċjali li l-Att dwar il-Bijoteknoloġija futur għandu jifhem il-firxa sħiħa ta' applikazzjonijiet tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 95
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jilqa' ċ-ċentru tal-Bijoteknoloġija u tal-Bijomanifattura li tnieda dan l-aħħar biex jiggwida u jagħti pariri lill-kumpaniji biex jorjentaw ruħhom fil-qafas regolatorju;

Or. en

Emenda 96
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir ***tal-industrija***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar ***il-piż regolatorju*** u l-ħtieġa potenzjali li ***tinbidel il-leġiżlazzjoni*** relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; ***jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur*** fl-oqfsa regolatorji kollha;	3. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir ***tal-industriji li japplikaw dawn it-teknoloġiji u l-proċessi ta' manifattura***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar ***l-oqfsa regolatorji fl-UE u fl-Istati Membri*** u l-ħtieġa potenzjali li ***tittejjeb l-implimentazzjoni jew tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni*** relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; ***iqis li xi rekwiżiti jistgħu jiġu ssimplifikati*** fl-oqfsa regolatorji kollha ***biex jippermettu proċeduri ta' approvazzjoni u aċċess għas-suq aktar rapidu, filwaqt li jinżamm approċċ ibbażat fuq ir-riskju u fuq ix-xjenza***; ***jissottolinja li s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma trid tipperikola l-ebda dritt fundamentali jew toħloq inċertezza regolatorja; iqis li s-simplifikazzjoni żejda tista' taffettwa b'mod negattiv l-istandards ambjentali u soċjali;**

Or. en

Emenda 97
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha; ***jisħaq, madankollu, li simplifikazzjoni regolatorja bħal din fl-ebda ċirkostanza ma trid tkun għad-detriment tar-regoli bijoetiċi tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 98
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; jappella għal	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija***, inklużi l-ostakli għat-titjib tal-awtosuffiċjenza tal-UE f'materja prima ewlenija, materja prima u komponenti***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż

omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha;	regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha;
	Or. en

Emenda 99
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija ***fuq terminu medju u twil***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura ***malajr kemm jista' jkun***; jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha;
	Or. ro

Emenda 100
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju ***u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija*** u ***mal-bijomanifattura***; ***jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha***;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju ***fil-bijoteknoloġija*** u ***fil-bijomanifattura***; ***ifakkar li ma hemmx leġiżlazzjoni tal-UE ddedikata li tirregola l-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura u jisħaq fuq l-importanza li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam, inklużi l-oqfsa etiċi u legali tagħhom***;

Or. en

Emenda 101
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura***; jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha***;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija ***kif ukoll it-tisħiħ tal-prinċipji ta' prekawzjoni f'dan il-kuntest***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura ***filwaqt li jiġu rrispettati u msaħħa l-istandards soċjali u ambjentali***;

Or. en

Emenda 102
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu t-tkabbir tal-industrija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura; ***jappella għal omnibus dwar il-bijoteknoloġija li jissimplifika r-rekwiżiti attwali għas-settur fl-oqfsa regolatorji kollha;***	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, li jkun jinkludi l-identifikazzjoni ta' lakuni u ostakli regolatorji potenzjali li qed ifixklu ***mingħajr ġustifikazzjoni*** t-tkabbir tal-industrija***, f'konformità sħiħa mal-obbligi tat-Trattat għal livell għoli ta' sikurezza għaċ-ċittadini u l-ambjent***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament is-sejbiet preliminari tal-istudju tagħha dwar il-piż regolatorju u l-ħtieġa potenzjali li tinbidel il-leġiżlazzjoni relatata mal-bijoteknoloġija u mal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 103
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Matej Tonin, Niels Flemming Hansen, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-kumpaniji Ewropej tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u lill-Istati Membri fir-rigward tal-possibbiltajiet ġodda u l-limiti mhux intenzjonati skont l-Att dwar l-Industrija

b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA) kif ukoll il-Patt għal Industrija Nadifa ġdid f'termini ta' ħruġ tal-permessi, finanzjament u ħolqien ta' ċentri rispettivi, pereżempju permezz ta' aġġornament taċ-Ċentru tal-Bijoteknoloġija u tal-Bijomanifattura tal-UE stabbilit dan l-aħħar;

Or. en

Emenda 104
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju ta' Orizzont Ewropa, kif ukoll tal-programmi tar-R&I preċedenti, iżda li għadhom għaddejjin, bħal Orizzont 2020 u s-Seba' Programm Kwadru, sabiex tiġbor l-aħjar prattiki fil-finanzjament tal-proġetti u tanalizza l-każijiet li fihom l-investimenti ma wasslux riżultati, bil-ħsieb li jitħejjew inizjattivi futuri dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 105
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jisħaq li approċċ iffukat b'mod sproporzjonat fuq l-impatt ambjentali, mingħajr ma jqis il-fatturi ekonomiċi u

soċjali, diġà kkawża ħsara f'setturi industrijali oħra; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt imfassla tajjeb biex jiġi żgurat li l-istrateġija għall-bijoteknoloġija ġdida tkun xprunatur tat-tkabbir u tal-innovazzjoni, minflok ma toħloq ostakli mhux meħtieġa;

Or. en

Emenda 106
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza***, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi***;	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza***, tarmonizza*** u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju***, rieżaminat minn pari*** u bbażat fuq ix-xjenza ***biex iżżomm l-iskeda taż-żmien tal-awtorizzazzjoni taħt is-sena fil-mira stabbilita; jappella għall-introduzzjoni ta' proċess ta' notifika minn qabel fl-aġenziji, għat-tisħiħ tas-servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ u għat-tisħiħ tal-persunal meta ma jintlaħqux l-iskedi taż-żmien; jisħaq li n-nuqqas ta' persunal jew kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jipproċessaw l-awtorizzazzjonijiet għadu problema ewlenija, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu kapaċitajiet bħal dawn; jisħaq fuq l-importanza ta' armonizzazzjoni robusta fl-UE kollha tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tas-suq biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jniedu l-prodotti b'bażi bijoloġika tagħhom mingħajr xkiel fl-Istati Membri kollha u joffru lill-kumpaniji aċċess għal suq verament uniku; jissottolinja li r-rapport Draghi***

jikkonkludi li ċ-ċentri tal-innovazzjoni fl-UE kollha ma jilħqux massa kritika meta mqabbla ma' ċentri rivali tal-Istati Uniti minħabba l-approċċ frammentat tal-UE u l-interess nazzjonali tal-Istati Membri li jappoġġjaw lil promoturi lokali f'xenarju mifrux;

Or. en

Emenda 107
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ***għall-prodotti,*** għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza***, tiffoka fuq rekwiżiti li ġenwinament inaqqsu r-riskju għas-saħħa u għall-ambjent, u meta applikabbli, tqis il-kontribut għall-objettivi klimatiċi u taċ-ċirkolarità tal-UE***, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura għadd adegwat ta' persunal fl-aġenziji rilevanti tal-UE, issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħhom, anke fir-rigward tat-twettiq tal-proċeduri tal-awtorizzazzjoni b'mod waqtu;***

Or. en

Emenda 108
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri*** ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni ***tivvaluta mill-ġdid il-proċeduri*** ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi; ***jisħaq li simplifikazzjoni bħal din ma tridx titwettaq b'mod unilaterali, iżda pjuttost f'koordinazzjoni mill-qrib ma' aġenziji bijomediċi nazzjonali jew kwalunkwe korp istituzzjonali ieħor kompetenti fl-oqfsa legali speċifiċi għal kull Stat Membru, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità;***

Or. en

Emenda 109
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri*** ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni ***tagħmel il-proċeduri*** ta' awtorizzazzjoni ***aktar effiċjenti, filwaqt li tirrispetta l-istandards soċjali u ambjentali,*** għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi; ***jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-aġenziji tal-UE fil-qasam tal-bijoteknoloġija riżorsi adegwati, inklużi riżorsi umani u***

finanzjarji, biex jissodisfaw il-kompiti tagħhom u jikkontrollaw ir-rispett tal-istandards soċjali u ambjentali;

Or. en

Emenda 110
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ***għall-prodotti,*** għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ***u tqis ukoll l-impatt kumulattiv fuq is-settur tal-bijomanifattura u l-provvista tal-mediċini tal-UE ta' leġiżlazzjoni kimika, ambjentali u tal-ikel interkonnessa***;

Or. en

Emenda 111
Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ***għall-kumpaniji*** għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ

bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji ***tal-UE*** bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza ***fejn l-azzjonijiet huma limitati għal dawk li ġenwinament inaqqsu r-riskju għas-saħħa u għall-ambjent***, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss ***ta' REACH u*** tal-aġenziji ***Ewropej*** bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

Or. en

Emenda 112
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza ***u*** tissimplifika ***l-proċeduri*** ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji ***tal-UE*** bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni ***biex b'urġenza*** tirrazzjonalizza***,*** tissimplifika ***u tqassar iż-żmien għall-proċeduri*** ta' awtorizzazzjoni***, b'mod partikolari ż-żmien għall-approvazzjoni*** għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija***, kif ukoll għall-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika***, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji ***Ewropej*** bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

Or. en

Emenda 113
Eszter Lakos, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*** u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

Or. en

Emenda 114
Dimitris Tsiodras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija***, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom***, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

Or. en

Emenda 115
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni	4. Jistieden lill-Kummissjoni

tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*** u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

Or. en

Emenda 116
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;	4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-materjali***, għall-prodotti*** u għall-manifattura tal-bijoteknoloġija, filwaqt li żżomm approċċ proporzjonat għar-riskju u bbażat fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-aġenziji tal-UE bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

Or. en

Emenda 117
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata sistema ta' tikkettar għal

prodotti bijoteknoloġiċi mhux tal-ikel sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati b'mod korrett dwar il-bijokontenut ta' prodott, biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika u tiġi ffaċilitata l-għażla ta' dawk il-prodotti; jisħaq li żieda malajr fid-domanda għal prodotti b'bażi bijoloġika se tagħti spinta lill-kummerċjalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-bijoteknoloġija u l-produzzjoni bijoteknoloġika, filwaqt li potenzjalment tnaqqas ukoll l-ispejjeż tal-produzzjoni u taċċellera d-dħul ta' prodotti ġodda fis-suq;

Or. ro

Emenda 118
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura s-simplifikazzjoni tal-istruttura tal-kumitat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għal valutazzjonijiet regolatorji aktar rapidi flimkien ma' skedi taż-żmien għall-proċeduri ċentralizzati iqsar; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li għandhom jiġu segwiti l-aħjar prattiki minn aġenziji regolatorji ewlenin oħra biex jiġu żgurati proċeduri ta' approvazzjoni rapidi u bla xkiel mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza tal-pazjenti;

Or. en

Emenda 119
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-introduzzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju fl-abbozzar tal-Att tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija l-ġdid biex tkun permessa l-flessibbiltà meħtieġa skont is-settur u t-tip ta' industrija tal-bijoteknoloġija, filwaqt li jinżammu l-oġħla standards ta' kwalità u ta' sikurezza u b'mod koerenti mal-bijoetika u mad-dinjità tal-bniedem;

Or. en

Emenda 120
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li sabiex jirnexxu fis-suq, il-prodotti b'bażi bijoloġika jridu jagħtu prova tas-sostenibbiltà tagħhom u jnaqqsu l-impatt ambjentali meta mqabbla, pereżempju, mal-prodotti petrokimiċi; jisħaq, fl-istess ħin, fuq il-ħtieġa li jiġi vvalutat iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti b'bażi bijoloġika abbażi ta' kriterji komuni fil-livell Ewropew sabiex jiġi analizzat l-impatt ambjentali ta' tali prodotti;

Or. ro

Emenda 121
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella ***għal*** qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, ***kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm***;	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa***, b'attenzjoni xierqa għall-ħtieġa ta' eċċezzjonijiet għal interess pubbliku u l-ħtieġa li jiġu evitati effetti ta' intrappolament; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza, ir-redditu pubbliku fuq l-investiment u s-salvagwardji kontra l-monopolizzazzjoni fil-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet biex tiffaċilita l-provi kliniċi transfruntiera***; jappella ***għall-istabbiliment ta'*** qafas komuni tal-provi kliniċi li ***jippermetti*** l-użu ta' evidenza mid-dinja reali***, meta komplementari għad-data tal-provi kliniċi u soġġett għal standard tal-affidabbiltà xjentifika,*** għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, ***inklużi sfidi relatati mal-aċċess, mat-trasparenza u mal-użu responsabbli tad-data, u tipproponi titjib kif xieraq***;

Or. en

Emenda 122
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-

industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;

industrija tiżviluppa***; jisħaq li l-għoti ta' privattivi u r-rispett għall-proprjetà intellettwali jridu jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur sabiex, b'mod partikolari, jiġi ggarantit kontroll pubbliku fuq teknoloġiji ta' interess pubbliku***; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;

Or. en

Emenda 123
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali ***(PI)***għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa***; iqis li qafas tal-PI robust u li jibqa' validu fil-futur huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-avvanzi xjentifiċi jissarfu f'benefiċċji tanġibbli għas-soċjetà u għall-ambjent, ktajjen tal-provvista reżiljenti u tkabbir ekonomiku sostenibbli***; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;

Or. en

Emenda 124
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; ***jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;***	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa;

Or. en

Emenda 125
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Christian Ehler, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm; ***jissottolinja l-importanza li jittejbu r-regoli tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali biex jissaħħu l-kompetittività***

u l-awtonomija tal-UE;

Or. en

Emenda 126
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi ***biex ifassal proċeduri tal-approvazzjoni ssimplifikati fl-Istati Membri kollha ħalli jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv u d-dewmien u*** li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;

Or. en

Emenda 127
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija ***u*** tal-bijomanifattura huma essenzjali ***biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas***	5. Ifakkar li regoli armonizzati***,*** ***prevedibbli*** u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija***,*** tal-bijomanifattura ***u tax-xjenzi tal-ħajja*** huma essenzjali ***għall-***

komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;	***iżvilupp ta' prodotti innovattivi fis-settur industrijali, farmaċewtiku u dak agrikolu fl-UE u jissottolinja li r-rekwiżiti tal-kondiviżjoni tad-data ma jridux jikkompromettu l-protezzjoni ta' innovazzjoni bħal din; jissottolinja l-importanza tal-kompetittività u tal-awtonomija tal-UE biex jittejbu r-rati tal-privattivi għall-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;***

Or. en

Emenda 128
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;	5. Ifakkar li regoli armonizzati u internazzjonalment kompetittivi dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-privattivi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma essenzjali biex l-industrija tiżviluppa; jappella għal qafas komuni tal-provi kliniċi li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għat-terapiji tal-bijoteknoloġija***, fost l-oħrajn, antimikrobiċi ġodda bħal batterjofagi***; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta s-sitwazzjoni attwali f'dan ir-rigward, kif ukoll it-titjib li jista' jkun hemm;

Or. en

Emenda 129
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5a. Jissottolinja li sistema tal-PI koerenti u prevedibbli tista' trawwem l-innovazzjoni u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, tipproteġi teknoloġiji mill-aktar avvanzati, tippremja l-investiment fit-tul u tappoġġja r-riċerka b'riskju għoli; jinnota li ċ-Ċertifikati ta' Protezzjoni Supplimentari (ĊPS) għandhom rwol kruċjali f'dan ix-xenarju billi jikkumpensaw għal proċessi ta' approvazzjoni regolatorji twal fix-xjenzi tal-ħajja; iqis li r-riforma taċ-ĊPS li għaddejja trid twassal proċedura ċentralizzata, effiċjenti u trasparenti, b'mod speċjali fl-allinjament mas-sistema tal-privattivi unitarja, biex titnaqqas il-frammentazzjoni u tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-innovaturi fl-Istati Membri kollha; jinnota li l-inizjattivi tal-bijoteknoloġija b'sors miftuħ qed joħolqu opportunitajiet ġodda għal innovazzjoni aċċessibbli, immexxija mill-komunità;

Or. en

Emenda 130
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota l-livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni permezz tal-leġiżlazzjoni bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR); jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni Ewropea twettaq analiżi biex tidentifika kwalunkwe lakuna jew nuqqas li jista' joħloq riskju għad-data medika u ġenomika tal-Ewropej, sabiex jiġi pprevenut li data bħal din tispiċċa f'pajjiżi terzi; jistieden, fl-istess waqt, lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-leġiżlazzjoni attwali tistax taġixxi bħala ostaklu għall-

innovazzjoni fis-suq intern, bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa;

Or. en

Emenda 131
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja l-importanza strateġika għall-UE ta' ekosistema tal-bijoteknoloġija tas-saħħa b'saħħitha biex tappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp, il-manifattura u l-aċċess tal-pazjenti għal mediċini innovattivi; jirrimarka li l-proċessi tal-bijoteknoloġija jistgħu jintużaw biex jiġu mmanifatturati ingredjenti farmaċewtiċi attivi u inputs tal-manifattura ewlenin kemm għal mediċina li skaditilha l-privattiva kif ukoll għall-mediċini innovattivi; jappella għal qafas tal-provi kliniċi komuni li jippermetti l-użu ta' evidenza mid-dinja reali għal terapiji tal-bijoteknoloġija u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta l-istat attwali f'dan ir-rigward kif ukoll titjib potenzjali;

Or. en

Emenda 132
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Ifakkar fil-ħtieġa ta' valutazzjonijiet perjodiċi tax-xejriet fl-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u l-

manifattura meta mqabbla ma' swieq ewlenin oħra u li jiġi żgurat li l-ixprunaturi ewlenin tal-investimenti jkunu attraenti biżżejjed biex iżommu lill-UE kompetittiva fuq livell globali;

Or. en

Emenda 133
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 134
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;	6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, ***bħal dawk li jużaw mikroorganiżmi ġenetikament modifikati,*** filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-

teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli; ***jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-politika tal-UE tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi biex tissalvagwardja l-kompetittività globali tal-UE;***

Or. en

Emenda 135
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;	6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli; ***jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-oqfsa regolatorji tal-UE jiġu allinjati mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

Or. en

Emenda 136
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet	6. ***Jissottolinja l-importanza li jiġu attirati r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda fl-UE;*** jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti

speċifiċi ta’ applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f’ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;

ta’ esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta’ applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f’ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli ***u li jibqa’ validu fil-futur***;

Or. en

Emenda 137
Damian Boeselager
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ ambjenti ta’ esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta’ applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f’ambjent regolatorju ***kkontrollat iżda*** flessibbli;	6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ ambjenti ta’ esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta’ applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f’ambjent ***ikkontrollat u jibbenefikaw minn ambjent*** regolatorju flessibbli ***li jiffaċilita l-innovazzjoni u l-iżvilupp etiċi u sikuri***;

Or. en

Emenda 138
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ ambjenti ta’ esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu	6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ ambjenti ta’ esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu

vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;	vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, ***fost l-oħrajn, applikazzjonijiet tal-batterjofagi kliniċi u fuq skala industrijali,*** filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;

Or. en

Emenda 139
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli;	6. Jirrakkomanda l-użu tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu vvalutati l-impatt u l-possibbiltajiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru provi tat-teknoloġiji ġodda f'ambjent regolatorju kkontrollat iżda flessibbli***, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipju tal-bijoetika u d-dinjità tal-bniedem***;

Or. en

Emenda 140
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata u deċiżiva biex

taċċellera l-proċessi ta' approvazzjoni għal prodotti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 141
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Suġġerimenti għal Strateġija għall-Bijoekonomija ġdida

Or. en

Emenda 142
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija għall-bijoekonomija aġġornata, li tqis l-isfidi attwali u ssaħħaħ id-dimensjoni industrijali tal-bijoekonomija u r-rabtiet tagħha mal-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, filwaqt li tinċentivizza l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' materjali, prodotti u soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika sostenibbli, innovattivi u b'valur miżjud għoli, biex tikkontribwixxi għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE;

Or. en

Emenda 143

Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jappella għall-istabbiliment ta' rotta rapida apposta fir-rigward tal-approvazzjonijiet għal prodotti tal-bijoteknoloġija li diġà ġew approvati minn korpi regolatorji fdati f'pajjiżi tal-istess fehma, inklużi iżda mhux limitati għan-Norveġja, ir-Renju Unit, il-Kanada, il-Ġappun, l-Awstralja u l-Iżvizzera;

Or. en

Emenda 144
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' strateġija biex tappoġġja lill-kumpaniji tal-bijoteknoloġija jgħaddu minn reġim ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal aċċess sħiħ għas-suq; jitlob li l-istrateġija tkun tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju, assistenza regolatorja u gwida dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 145
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika r-rekwiżiti ta' tikkettar u tiżgura kundizzjonijiet tas-suq ekwi bejn il-prodotti tal-bijoteknoloġija u prodotti oħra, inkluż iżda mhux limitat għal kummerċjalizzazzjoni u reklamar, mingħajr ma tikkomprommetti s-sikurezza tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 146
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika u ambjentali għall-prodotti petrokimiċi;	7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika u ambjentali għall-prodotti petrokimiċi***; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' taffettwa s-settur sabiex tidentifika l-ostakli potenzjali għall-industrija u twettaq l-emendi jew it-tħassir meħtieġ, inkluż dak li jirriżulta mill-Patt Ekoloġiku Ewropew***;

Or. en

Emenda 147
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika u ambjentali għall-prodotti petrokimiċi;	7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika u ambjentali għall-prodotti petrokimiċi; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu applikati miżuri adegwati ta' salvagwardja fil-proċess tal-produzzjoni għal prodotti b'bażi bijoloġika sabiex jiġu evitati inċidenti ta' kwalunkwe tip b'effetti negattivi fuq il-popolazzjoni u l-ambjent fuq terminu medju u twil;***

Or. ro

Emenda 148
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika ***fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika u*** ambjentali ***għall-prodotti petrokimiċi***;	7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika ***u jilqa' l-proposta ta' Att dwar il-Bijoteknoloġija biex iżomm kont tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li r-regolament speċifiku ma jwassalx għal esternalitajiet*** ambjentali ***mhux intenzjonati, bħal impatt fuq iċ-ċiklaġġ tal-karbonju u tal-ilma, id-deforestazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità jew id-degradazzjoni tal-ħamrija minħabba produzzjoni intensiva tal-bijomassa***;

Or. en

Emenda 149
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika u ambjentali għall-prodotti petrokimiċi;	7. ***Jitlob li l-oqfsa regolatorji tal-UE jiġu adatti biex jiddifferenzjaw bejn prodotti mill-fjuwils fossili u l-ispeċifiċitajiet ta' prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli;*** jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ***tal-karbonju bijoġeniku,*** tal-prodotti u tal-proċessi b'bażi bijoloġika fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni kimika***, tal-materjali*** u ambjentali għall-prodotti petrokimiċi;

Or. en

Emenda 150
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja li l-espansjoni b'mod effettiv tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-Ewropa tiddependi minn bijoekonomija robusta u kompetittiva; jenfasizza li, fir-reviżjoni li jmiss tal-Istrateġija għall-Bijoekonomija, se jkun importanti li jiġu identifikati setturi u prodotti ewlenin, filwaqt li jiġu stabbiliti perkorsi ċari biex jappoġġjaw l-espansjoni u jsaħħu n-negozji li joperaw f'dawn l-oqsma;

Or. en

Emenda 151
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrimarka li ma jistax ikun hemm riskju li komponenti essenzjali bħal enzimi jew batterji tal-aċidu lattiku u mikroorganiżmi oħra jiġu pprojbiti jew diżinċentivati bla bżonn minn regolamentazzjoni Ewropea primarjament imfassla għal sustanzi petrokimiċi u sintetiċi, bħar-Regolament REACH;

Or. en

Emenda 152
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandha l-bijomassa primarja fil-bijomanifattura; ifakkar, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġi adottat approċċ newtrali għat-teknoloġija għad-disponibbiltà tal-bijomassa, ibbażat fuq analiżi robusta, bil-għan li jissaħħaħ l-aċċess għall-materja prima u l-użu tagħha kif ukoll jiġu sfruttati l-ktajjen tal-provvista internazzjonali;

Or. en

Emenda 153
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jinsab imħasseb li*** l-interpretazzjoni tal-Bank Ewropew tal-	8. ***Jilqa'*** l-interpretazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment tal-kriterji ta'

Investiment tal-kriterji ta’ sostenibbiltà skont il-qafas ta’ allinjament ta’ Pariġi ***tista’ tirriżulta fil-fatt li*** l-aċċess għall-finanzjament ***għal*** materjali u proġetti b’bażi bijoloġika ***jiġi miċħud***; jitlob lill-Kummissjoni ***teżamina*** d-definizzjonijiet kif xieraq u ***tinforza*** interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;	sostenibbiltà skont il-qafas ta’ allinjament ta’ Pariġi ***bħala mod ewlieni biex jiġi żgurat*** l-aċċess għall-finanzjament ***għall-aktar*** materjali u proġetti b’bażi bijoloġika ***sostenibbli b’impatt ambjentali aktar baxx meta mqabbla, pereżempju, ma’ prodotti petrokimiċi u b’hekk jiġi żgurat li jirnexxu fis-suq u ma jirriżultawx f’assi mhux irkuprabbli jew infiq ineffiċjenti***; jitlob lill-Kummissjoni ***timmonitorja*** d-definizzjonijiet kif xieraq u ***tagħmel*** interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ***ċari, sostenibbli u ċirkolari***; ***jissottolinja li r-rapport Letta jitlob li jiġu rikonoxxuti l-ispeċifiċitajiet tat-teknoloġija profonda; jitlob, għalhekk, li l-BEI jipproponi strumenti tat-tneħħija tar-riskji għat-teknoloġija profonda, u għall-bijoteknoloġija b’mod speċifiku, biex jiżdied il-kapital tal-pazjenti;***

Or. en

Emenda 154
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinsab imħasseb li l-interpretazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment tal-kriterji ta’ sostenibbiltà skont il-qafas ta’ allinjament ta’ Pariġi tista’ tirriżulta fil-fatt li l-aċċess għall-finanzjament għal materjali u proġetti b’bażi bijoloġika jiġi miċħud; jitlob lill-Kummissjoni teżamina d-definizzjonijiet kif xieraq u tinforza interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;	8. Jinsab imħasseb li l-interpretazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment tal-kriterji ta’ sostenibbiltà skont il-qafas ta’ allinjament ta’ Pariġi tista’ tirriżulta fil-fatt li l-aċċess għall-finanzjament għal materjali u proġetti b’bażi bijoloġika jiġi miċħud; jitlob lill-Kummissjoni teżamina d-definizzjonijiet kif xieraq u tinforza interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura; ***jistieden, barra minn hekk, lill-BEI jtejjeb is-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ konsultattiv u l-informazzjoni dwar strumenti u opportunitajiet ta’ finanzjament lil proġetti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura***

eliġibbli, b'mod partikolari l-SMEs u l-kumpaniji start-up;

Or. en

Emenda 155
Dimitris Tsiodras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinsab imħasseb li l-interpretazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment tal-kriterji ta' sostenibbiltà skont il-qafas ta' allinjament ta' Pariġi tista' tirriżulta fil-fatt li l-aċċess għall-finanzjament għal materjali u proġetti b'bażi bijoloġika jiġi miċħud; jitlob lill-Kummissjoni teżamina d-definizzjonijiet kif xieraq u tinforza interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;	8. Jinsab imħasseb li l-interpretazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment tal-kriterji ta' sostenibbiltà skont il-qafas ta' allinjament ta' Pariġi tista' tirriżulta fil-fatt li l-aċċess għall-finanzjament għal materjali u proġetti b'bażi bijoloġika jiġi miċħud; ***bl-istess mod, l-interpretazzjoni restrittiva ta' "innovazzjoni" tista' ċċaħħad l-aċċess għal finanzjament tal-għajnuna mill-Istat għal innovazzjoni mmexxija minn mediċina li skaditilha l-privattiva;*** jitlob lill-Kummissjoni teżamina d-definizzjonijiet kif xieraq u tinforza interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 156
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jinsab imħasseb li l-interpretazzjoni tal-Bank*** Ewropew tal-Investiment ***tal-kriterji ta' sostenibbiltà skont il-qafas ta' allinjament*** ta' Pariġi ***tista' tirriżulta fil-fatt li l-aċċess għall-finanzjament għal materjali u proġetti***	8. ***Jisħaq li l-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-faċilitajiet mill-Bank*** Ewropew tal-Investiment***, għandu jingħata esklużivament lil proġetti u kumpaniji li jallinjaw mal-objettivi tal-Ftehim*** ta'

b'bażi bijoloġika jiġi miċħud; jitlob lill-Kummissjoni teżamina d-definizzjonijiet kif xieraq u tinforza interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura;

Pariġi; jitlob lill-Kummissjoni teżamina d-definizzjonijiet kif xieraq u tinforza interpretazzjonijiet favur il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ***f'konformità mal-ftehim ta' Pariġi***;

Or. en

Emenda 157
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;	9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku; ***iqis li biex tiġi aċċellerata s-sostituzzjoni ta' materja prima mill-fjuwils fossili, id-domanda tas-suq u l-adozzjoni tas-suq ta' prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli tista' tiġi inċentivata aktar fl-Ewropa; iqis li l-materja prima b'bażi bijoloġika, bħall-bijomassa sostenibbli, l-iskart riċiklat u s-CO2 maqbud minn sorsi bijoġeniċi, tista' tintuża bħala materja prima alternattiva għall-manifattura ta' polimeri, plastiks, solventi, żebgħa, deterġenti, kożmetiċi u farmaċewtiċi, li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-awtonomija strateġika; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-impenn previst fil-Boxxla għall-Kompetittività biex jiġu żviluppati politiki li jippremjaw lil dawk li jaġixxu kmieni; jistenna wkoll bil-ħerqa, il-valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni tal-fattibbiltà tar-rekwiżiti tal-kontenut b'bażi bijoloġika f'kategoriji tal-prodotti speċifiċi u fl-akkwist pubbliku; iqis li għandhom jiġu żgurati kriterji ta' sostenibbiltà koerenti u***

adegwati għall-bijomassa;

Or. en

Emenda 158
Katri Kulmuni, Christophe Grudler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;	9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku***, fejn il-prodotti b'bażi bijoloġika għandhom jingħataw prijorità***; ***jissottolinja wkoll il-metodoloġija tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEF), li għandha tiġi applikata kif xieraq (bl-applikazzjoni konsistenti tal-metodu ta' kontabbiltà -1/+1), biex jiġi pprovdut fehim ċar tad-differenza reali fl-impronti tas-CO2 bejn prodotti li ġejjin mill-bijomassa u dawk mill-fjuwils fossili matul kull ċiklu tal-ħajja, filwaqt li jiġi inċentivat l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-prodott;***

Or. en

Emenda 159
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jissottolinja ***l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti*** u l-proċessi b'bażi	9. Jissottolinja ***li l-prodotti*** u l-proċessi b'bażi bijoloġika ***jistgħu***

bijoloġika ***għall-objettivi*** tal-UE ***biex jitnaqqas is-CO2***, ***li jeħtieġ li*** jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;	***jappoġġjaw l-ilħuq tal-objettivi klimatiċi*** tal-UE, ***meta l-iffrankar matul iċ-ċiklu tal-ħajja shiħ tagħhom, inkluż l-akkwist, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-materja prima*** jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku***; jistieden lill-Kummissjoni tiskoraġġixxi l-prattiki ta' greenwashing permezz ta' tikkettar ambjentali u informazzjoni għall-konsumaturi mtejba***;

Or. en

Emenda 160
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;	9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku; ***jappella għall-isfruttament tal-potenzjal shiħ tal-bijoteknoloġiji industrijali, tal-enerġija, ambjentali u urbani, kif ukoll tat-teknoloġiji tal-qbid u l-valorizzazzjoni tal-karbonju, sabiex jiġi promoss perkors ta' dekarbonizzazzjoni bbażat fuq l-innovazzjoni u l-effiċjenza;***

Or. en

Emenda 161
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;	9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li ***bil-potenzjal tagħhom li jżidu s-sostenibbiltà u jnaqqsu l-impronta ambjentali*** jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku ***li diġà ġew esperjenzati fil-livell reġjonali***;

Or. en

Emenda 162
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;	9. Jissottolinja l-benefiċċju u l-kontribut ***potenzjali*** tal-prodotti u l-proċessi b'bażi bijoloġika għall-objettivi tal-UE biex jitnaqqas is-CO2, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjonijiet rispettivi taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fl-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 163
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

9a. Jisħaq li l-bijoekonomija Ewropea trid tiffoka fuq is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità, peress li dawn il-fatturi se jirriżultaw f'tiġdid tal-industriji Ewropej fuq terminu medju u twil, modernizzazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni primarja Ewropej, protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-bijodiversità;

Or. ro

Emenda 164
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, ***fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida*** tal-bijoteknoloġija ***tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri***;	10. Jirrimarka li ***s-soċjetà u l-ekonomija jistgħu jibbenefikaw mir-riċerka aċċellerata u mill-kummerċjalizzazzjoni*** tal-bijoteknoloġija***, jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tidentifika perkorsi rapidi u siguri għas-suq għal prodotti li jistgħu jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet ta' politika tal-UE***; ***jistieden lill-Kummissjoni tqis l-aħjar prattiki mill-Istati Membri li introduċew ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja li janalizzaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ta' qabel is-suq, u biex tiżgura dejjem it-traċċabbiltà u t-tikettar;***

Or. en

Emenda 165
Paolo Borchia, Raffaele Stancanelli, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Auke Zijlstra, Pascale Piera, Margarita de la Pisa Carrión, Barbara Bonte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, ***huwa*** prerekwiżit ***importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri***;	10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, ***l-istudji kliniċi u prekliniċi huma*** prerekwiżit ***fundamentali, kif ukoll valutazzjoni xierqa tal-aspetti soċjali, etiċi, ekonomiċi, ambjentali u kulturali tal-innovazzjoni fl-ikel***; ***l-istudji kliniċi u prekliniċi huma prerekwiżit fundamentali, kif ukoll valutazzjoni xierqa tal-aspetti soċjali, etiċi, ekonomiċi, ambjentali u kulturali tal-innovazzjoni fl-ikel;***

Or. en

Emenda 166
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, ***fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija*** tal-ikel, ***huwa*** prerekwiżit importanti ***li jsir*** dewqan tal-ikel minn stadju bikri;	10. Jirrimarka li, ***biex jiġu ssimplifikati aħjar il-perkorsi regolatorji u jkun permess żmien aktar effiċjenti għas-suq tal-bijoteknoloġija*** tal-ikel, ***l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja li janalizzaw il-proċeduri tal-awtorizzazzjoni ta' qabel is-suq, bħal*** dewqan tal-ikel minn stadju bikri ***u konsultazzjonijiet kunfidenzjali u speċifiċi għad-dossier ta' qabel is-sottomissjoni mal-awtoritajiet tas-sikurezza tal-ikel, huma*** prerekwiżit importanti;

Or. en

Emenda 167
Morten Løkkegaard, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Jeannette Baljeu, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri;	10. ***Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi mmassimizzat il-potenzjal tas-sistema tal-bijoteknoloġija tal-ikel, filwaqt li jinżammu livelli għoljin ta' sikurezza ambjentali, tal-ikel u tal-konsumaturi;*** jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri;

Or. en

Emenda 168
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri;	10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri; ***ifakkar fir-rispett meħtieġ tal-prinċipji ta' prekawzjoni fil-kuntest tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-bijoteknoloġija tal-ikel;***

Or. en

Emenda 169
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-	10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-

kummerċjalizzazzjoni ***rapida*** tal-bijoteknoloġija tal-ikel, ***huwa*** prerekwiżit ***importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri***;	kummerċjalizzazzjoni tal-bijoteknoloġija tal-ikel, ***l-istudji kliniċi u prekliniċi huma*** prerekwiżit ***fundamentali, kif ukoll valutazzjoni xierqa tal-aspett soċjali, etiku, ekonomiku, ambjentali u kulturali tal-innovazzjoni fl-ikel***;

Or. en

Emenda 170
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri;	10. ***Jisħaq fuq l-importanza ta' proċeduri regolatorji xierqa għall-bijoteknoloġija tal-ikel;*** jirrimarka li, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel, huwa prerekwiżit importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri;

Or. en

Emenda 171
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrimarka li***, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni*** rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel***, huwa*** prerekwiżit ***importanti li jsir dewqan tal-ikel minn stadju bikri***;	10. Jirrimarka li ***studji kliniċi u prekliniċi komprensivi huma*** prerekwiżit ***essenzjali għall-kummerċjalizzazzjoni*** rapida tal-bijoteknoloġija tal-ikel**;**

Or. en

Emenda 172
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jissottolinja li qafas abilitanti bbażat fuq ix-xjenza għall-pjanti miksub permezz ta' ċerti Tekniki Ġenomiċi Ġodda huwa pass siewi għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' din it-teknoloġija biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura tal-UE;

Or. en

Emenda 173
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat ***it-tfassil ta'*** aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom; ***jappella, għalhekk, għal qafas ta' governanza etika robust inkluż l-istabbiliment ta' standards tal-iskrinjar tal-UE obbligatorji għax-xiri ta' aċidi nuklejċi u tagħmir ta' sinteżi benchtop, inklużi sistemi biex tiġi vverifikata l-identità tax-xerrej u vvalutat l-iskop u s-sikurezza tal-ordni; jitlob lill-Kummissjoni taħdem mal-industrija u mas-soċjetà ċivili biex tiżviluppa standards tal-iskrinjar bħal dawn; iqis li l-iskrinjar għandu jkun obbligatorju u prerekwiżit għar-riċevituri tal-finanzjament tal-UE; jappella għal***

kooperazzjoni internazzjonali akbar bl-għan li jiġi appoġġjat b'urġenza l-iżvilupp ta' standards ta' skrinjar internazzjonali;

Or. en

Emenda 174
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom; ***jappella għall-istabbiliment ta' reġistru tal-bijosigurtà tal-UE għad-DNA sintetika u għall-għodod tal-inġinerija ġenetika, titjib fit-trasparenza u mekkaniżmi ta' valutazzjoni tar-riskju; jisħaq fuq l-importanza tal-awtonomija strateġika tal-UE fil-ktajjen tal-provvista tal-bijoteknoloġija, li tiżgura li l-inputs tal-bijomanifattura kritika u l-għarfien espert jibqgħu fl-Ewropa; iħeġġeġ kooperazzjoni internazzjonali aktar soda fl-istandards tal-bijosigurtà, li tiżgura li l-kumpaniji tal-bijoteknoloġija bbażati fl-UE jikkonformaw mal-aħjar prattiki globali filwaqt li tinżamm il-kompetittività;***

Or. en

Emenda 175
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom; ***ifakkar li l-kunsiderazzjonijiet dwar il-bijosikurezza jridu jinkludu wkoll ir-riskji bijoetiċi assoċjati mal-intervent uman f'sistemi ħajjin, b'mod partikolari dawk relatati mal-manipulazzjoni ta' materjal ġenetiku, ir-riċerka fuq embrijuni u l-modifikazzjoni ġerminali; jappella għal valutazzjoni objettiva bbażata fuq l-evidenza tal-benefiċċji potenzjal assoċjati ma' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs);***

Or. en

Emenda 176
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati ***flimkien*** mal-innovazzjoni ***tal-bijoteknoloġija*** u ***tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali*** bijoloġiċi ***u għall-użu tagħhom***;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà ***u tas-saħħa pubblika*** jridu jiġu indirizzati ***b'mod parallel*** mal-innovazzjoni ***fil-bijoteknoloġija*** u ***fil-bijomanifattura***; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' trattament etiku tal-materjali*** bijoloġiċi***, b'mod speċjali dawk ta' oriġini umana; gameti u embrijuni umani qatt ma jridu jiġu ttrattati bħala inputs industrijali u jridu jiġu protetti minn salvagwardji legali sodi; jappella għal gwida ċara fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat ir-rispett għad-dinjità, kunsens infurmat u drittijiet individwali, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipji tas-***

sussidjarjetà u tal-prekawzjoni fi kwistjonijiet bijoetiċi;

Or. en

Emenda 177
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà ***jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni*** tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura***, filwaqt li jiġi żgurat*** aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà ***huma realtà li trid tiġi indirizzata fl-innovazzjoni*** tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura*** aċċess responsabbli ***u etiku*** għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom***, filwaqt li tapplika bis-sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni***; ***jisħaq li huma meħtieġa valutazzjonijiet xierqa qabel l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għas-suq, b'attenzjoni partikolari għal rilaxx potenzjali fl-ambjent;***

Or. en

Emenda 178
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar

ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom; ***jisħaq li t-teknoloġiji tal-batterjofagi, b'mod speċjali l-varjanti artifiċjali jew sintetiċi, iridu jiġu integrati f'oqfsa b'użu doppju tal-UE, sorveljanza tal-bijosikurezza u infrastruttura ta' preparatezza għall-pandemiji/għat-theddid bijoloġiku;***

Or. en

Emenda 179
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-data sensittiva tiġi protetta u allinjata b'mod adegwat mal-liġijiet tal-protezzjoni tad-data tal-UE;***

Or. en

Emenda 180
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà ***jridu*** jiġu indirizzati flimkien mal-	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà***, inkluż it-tħassib etiku, iridu***

innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rrispettat bis-sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni f'dan il-kuntest;***

Or. en

Emenda 181
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom;	11. Jissottolinja li r-riskji tal-bijosigurtà jridu jiġu indirizzati flimkien mal-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat aċċess responsabbli ***u bijoetiku*** għall-għodod tal-bijoloġija sintetika, għat-teknoloġiji tal-editjar ġenetiku u għall-materjali bijoloġiċi u għall-użu tagħhom***, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' monitoraġġ biex jiġi vvalutat l-impatt fuq terminu medju u twil tagħhom***;

Or. en

Emenda 182
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposta leġiżlattiva dwar il-

bijoteknoloġija hija konformi mal-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, bħar-rispett għall-ħajja u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, u tiggarantixxi li l-isforzi kollha fl-oqsma tal-innovazzjoni u s-simplifikazzjoni regolatorja jibqgħu kompatibbli mal-oġħla standards tad-dinjità tal-bniedem u s-saħħa pubblika; jisħaq li kwalunkwe miżura restrittiva adottata minn Stat Membru fuq bażi bijoetika — kemm jekk tikkonċerna l-użu tal-inġinerija ġenetika, il-bijoloġija sintetika jew il-manipulazzjoni ta' materjal bijoloġiku sensittiv — ma tridx titqies bħala ostaklu għall-integrazzjoni tas-suq intern jew għall-iżvilupp industrijali, iżda pjuttost bħala l-espressjoni leġittima ta' identità kostituzzjonali nazzjonali, ordni pubbliku u għażliet etiċi sovrani, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; jappoġġja approċċ regolatorju bbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u impenn għal standards etiċi għolja, f'kuntrast ma' oqfsa bbażati fuq il-prodott xprunati mill-innovazzjoni osservati fl-Istati Uniti, u l-ambjent regolatorji mmexxi mill-Istat u li qed jevolvi fiċ-Ċina;

Or. en

Emenda 183
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jitlob lill-Kummissjoni tħejji studju dwar regolament dwar il-materjali bijoloġiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta Komunikazzjoni aġġornata u Pjan ta' Azzjoni dwar ir-riskji CBRN, b'mod partikolari fir-rigward tal-

bijoterroriżmu u r-riskji bijoloġiċi;

Or. en

Emenda 184
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;	12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima, ***bħal bijomassa sostenibbli, u komponenti kruċjali, bħal enzimi,*** għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern; ***iqis li għandha tingħata attenzjoni għall-awtosuffiċjenza u l-iżvilupp tal-ktajjen tal-valur u tal-manifattura tal-materja prima tal-UE; iqis, barra minn hekk, li s-sħubiji u l-kooperazzjoni strateġiċi ma' pajjiżi terzi huma importanti biex jiżguraw aċċess għal materja prima essenzjali u materja prima sostenibbli;***

Or. en

Emenda 185
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima	12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ***u minn sorsi***

għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;

sostenibbli ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***filwaqt li jinżammu standards tas-sikurezza u standards etiċi għoljin, fil-limiti tal-pjaneta; jissottolinja li l-aħjar materja prima hija l-iskart, b'mod speċifiku l-prodotti bijodegradabbli u kompostabbli b'bażi bijoloġika, peress li għandu impatt minimu fuq il-bijodiversità u jippromwovi ċ-ċirkolarità; jappella għal valutazzjoni xierqa tal-impatt tal-użu tal-materja prima fuq il-klima, il-bijodiversità u s-sigurtà tal-ikel, b'attenzjoni xierqa għal soluzzjonijiet b'ILUC baxx***; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;

Or. en

Emenda 186
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista ***suffiċjenti*** ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;	12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista ***kompetittiva, stabbli u affidabbli*** ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern; ***jissottolinja l-importanza ta' sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi tal-istess fehma biex jiġi żgurat l-aċċess għal materja prima essenzjali u materja prima sostenibbli meħtieġa għat-tkabbir tal-industriji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-UE;***

Or. en

Emenda 187
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;	12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern; ***jissottolinja l-importanza ta' sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi tal-istess fehma biex jiġi żgurat l-aċċess għal materja prima u komponenti għat-tkabbir tal-industriji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-UE;***

Or. en

Emenda 188
Dimitris Tsiodras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ***ir-riskji*** li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;	12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***kif ukoll b'għarfien sħiħ tad-dipendenzi, tal-materjali tal-bidu u tal-pjattaformi teknoloġiċi***; jappella biex ***dawn il-lakuni u r-riskji*** li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;

Or. en

Emenda 189
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;	12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima***, komponenti, tagħmir u hardware*** għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;

Or. en

Emenda 190
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja kemm huwa importanti li s-sigurtà tal-katina tal-provvista jkollha provvista suffiċjenti ta' materja prima għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; jappella biex ir-riskji li jista' jkun hemm jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġu ssalvagwardjati data sensittiva tal-kumpaniji u l-funzjonament tas-suq intern;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 191
Niels Flemming Hansen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li, f'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar mimli tensjoni, l-UE jeħtiġilha tisfrutta bis-sħiħ il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura biex issaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha, tnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE u ssaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; jissottolinja li s-sistemi tal-ikel b'bażi bijoloġika jistgħu jikkontribwixxu għal ekonomiji lokali aktar reżiljenti billi jiddiversifikaw is-sorsi tal-introjtu tagħhom, filwaqt li normalment jirrikjedu anqas riżorsi naturali, jiġġeneraw anqas tniġġis u jkunu anqas vulnerabbli għal tfixkil relatat mal-klima;

Or. en

Emenda 192
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja li l-UE għandha timmassimizza l-benefiċċji tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel u tnaqqas id-dipendenza minn pajjiżi mhux tal-UE; jissottolinja wkoll li l-ikel b'bażi bijoloġika, b'mod speċjali l-ikel mill-pjanti, normalment jirrikjedi anqas riżorsi (eż. art u ilma), jirrispetta aktar l-ambjent u l-klima, u huwa anqas suxxettibbli għat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 193
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-prinċipju tal-kontrolli tal-viċinat fil-leġiżlazzjoni eżistenti u futura li tkopri s-settur tal-bijoteknoloġija sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għal kumpaniji tal-bijoteknoloġija Ewropej li jikkompetu internazzjonalment u jitgħallmu mill-aħjar prattiki minn barra l-UE;

Or. en

Emenda 194
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi stimulata d-domanda tas-suq u l-adozzjoni mis-suq ta' prodotti b'bażi bijoloġika fl-Ewropa sabiex jiżdied it-tkabbir u l-kompetittività tas-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura tal-UE;

Or. en

Emenda 195
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali; ***jenfasizza li strateġija industrijali artikolata tajjeb teħtieġ appoġġ mill-Istat biex tinċentivizza s-sejħiet għal żvilupp tar-riċerka u l-iżvilupp għall-ħtieġa li jiġi żviluppat network ta' faċilitajiet tal-manifattura bijoindustrijali prekummerċjali fl-Ewropa li jipprovdu lir-riċerkaturi u lill-fondaturi aċċess għall-infrastruttura; jitlob li tingħata prijorità lil inizjattivi li jsegwu l-mudell ta' CERN tal-bini ta' studios start-up fl-istituzzjonijiet tar-riċerka, simili wkoll għall-programm Cyclotron Road ibbażat f'Berkeley;***

Or. en

Emenda 196
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. ***Jinnota li l-espansjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka għadhom sfida kbira fl-Ewropa;*** jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali; ***jappella għal politika***

tal-UE komuni u investimenti strateġiċi fl-infrastrutturi tat-teknoloġija biex tiġi ffaċilitata l-espansjoni tal-prototipi u l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġija innovattiva; jitlob, f'dan il-kuntest, proġett pilota tal-infrastruttura tat-teknoloġija għall-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, essenzjali għall-espansjoni tal-innovazzjonijiet;

Or. en

Emenda 197
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. ***Ifakkar fir-rwol ewlieni li għandhom l-istituti tar-riċerka pubbliċi u l-universitajiet fl-iżvilupp tal-għarfien meħtieġ għall-iżvilupp tal-bijoteknoloġiji; jisħaq li l-avvanzi xjentifiċi li jsiru f'dan il-kuntest, kif ukoll l-applikazzjoni kummerċjali potenzjali tagħhom, iridu jibqgħu fid-dominju pubbliku;*** jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;

Or. en

Emenda 198
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali; ***jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' infrastruttura ta' bijobanek tal-UE pereżempju għal network ta' repożitorju ġenomiku tal-fagi u tal-host range biex jiġi permess aċċess skalabbli, sikur u b'kontroll tal-kwalità għal tħejjijiet ta' fagi fis-setturi tas-saħħa, veterinarji u ambjentali kollha;***

Or. en

Emenda 199
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien*** u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jittejbu l-għarfien, il-kollaborazzjoni bejn il-qasam pubbliku u dak privat,*** u ***t-trasferiment*** tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali ***u biex jitrawmu raggruppamenti tal-bijoteknoloġija Ewropej kompetittivi***; ***jistieden lill-Kummissjoni tqis finanzjament tal-UE addizzjonali għall-universitajiet bi trasferimenti teknoloġiċi għoljin u spin-offs, minbarra l-finanzjament eżistenti;***

Or. en

Emenda 200
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb ***it-trasferiment tal-għarfien*** u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb ***l-għarfien*** u ***t-trasferiment*** tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali; ***jisħaq li l-innovazzjoni waħedha ma tistax tieħu post il-benefiċċju ekonomiku fuq terminu qasir, u li l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija għandha tkun xprunata permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq fl-ambitu tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni indipendenti;***

Or. en

Emenda 201
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali ***fl-Unjoni, filwaqt li tipprevjeni wkoll lill-pajjiżi terzi milli jisfruttaw pubblikazzjonijiet Ewropej li, minħabba finanzjament insuffiċjenti u piż leġiżlattiv, jonqsu milli jiġu żviluppati fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 202
Eszter Lakos, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali; ***jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tappoġġja lill-universitajiet b'għadd kbar ta' trasferimenti ta' teknoloġija u spin-offs;***

Or. en

Emenda 203
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja***, is-settur tar-riċerka*** u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali ***fl-UE tal-aħjar soluzzjonijiet malajr kemm jista' jkun***;

Or. ro

Emenda 204
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jittejjeb it-trasferiment*** tal-għarfien u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;	13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jittejbu t-trasferiment*** tal-għarfien***, il-kollaborazzjoni bejn il-qasam pubbliku u dak privat,*** u tat-teknoloġija bejn l-akkademja u l-industrija biex jiġi żgurat li r-riċerka dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura ffinanzjata mill-UE twassal għal applikazzjonijiet kummerċjali u użu industrijali;

Or. en

Emenda 205
Morten Løkkegaard, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-ħolqien ta' ċentri tar-riċerka fuq livell dinji għall-bijoteknoloġija biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u l-industrija u l-kapital ta' riskju;

Or. en

Emenda 206
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja l-importanza ta' infrastruttura sigura u standardizzata biex tiżgura applikazzjoni klinika responsabbli, integrazzjoni tas-sorveljanza tal-AMR u prontezza tal-bijoproduzzjoni f'kuntesti ta' emerġenza;

Or. en

Emenda 207
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jenfasizza l-ħtieġa ta' faċilitajiet ta' ttestjar fiżiku robusti fis-settur tal-bijoteknoloġija biex iwasslu l-innovazzjoni u jiffaċilitaw il-produzzjoni u l-aċċess għas-suq għall-SMEs u l-kumpaniji start-up;

Or. en

Emenda 208
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq ***fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni ta'*** impjanti ***industrijali*** fuq skala kbira ***b'bijoreatturi kbar***;	14. Jisħaq ***li l-enerġija affordabbli għal kulħadd, eż. kif propost fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli, se tkun ta' benefiċċju wkoll għas-settur tal-bijoteknoloġija; iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li l-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi jkunu rapidi, b'mod speċjali***

	għal impjanti ***industrijali*** fuq skala kbira ***bħal bijoreatturi***; ***jilqa' l-aħħar reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, l-aċċellerazzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet malajr kemm jista' jkun;***

Or. en

Emenda 209
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni ta' impjanti*** industrijali fuq skala kbira ***b'bijoreatturi*** kbar;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija affordabbli u kompetittiva għall-operaturi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, minħabba l-intensità għolja ta' enerġija tal-proċessi ta' produzzjoni bijoloġika*** fuq skala kbira***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissimplifikaw u jikkoordinaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u validazzjoni għal faċilitajiet*** industrijali ***li jużaw bijoreatturi*** kbar***, sabiex jitnaqqas id-dewmien amministrattiv u jiġi appoġġjat l-użu ta' infrastruttura tal-bijomanifattura fl-Unjoni kollha***;

Or. en

Emenda 210
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni ta' impjanti industrijali fuq skala kbira b'bijoreatturi kbar;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni ta' impjanti industrijali fuq skala kbira b'bijoreatturi kbar ***meħtieġa biex jingħeleb l-ostaklu tal-kostijiet li jġibu magħhom ukoll riskji għoljin marbuta mal-kostruzzjoni u mat-tħaddim***;

Or. en

Emenda 211
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija ***u li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni ta' impjanti industrijali fuq skala kbira b'bijoreatturi kbar***;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija;

Or. en

Emenda 212
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija ***u li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni ta' impjanti industrijali fuq skala kbira b'bijoreatturi kbar***;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija***; jitlob it-tneħħija gradwali tal-bijofjuwils***;

Or. en

Emenda 213
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali;	15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali; ***jappella għal kollaborazzjoni bejn l-industrija, ir-riċerka u s-soċjetà ċivili u għal aktar miżuri biex jiżdiedu l-investiment u l-enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali fil-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, ħalli jinħolqu u jiġu sostnuti impjiegi ta' kwalità għolja fl-UE kollha fis-settur; iqis li huma meħtieġa investiment u enfasi akbar fuq l-edukazzjoni STEM, fil-livell sekondarju u terzjarju, kif ukoll aktar sensibilizzazzjoni pubblika tal-opportunitajiet ta' karriera fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura biex jiġi attratt it-talent, b'mod speċjali aktar bniet u nisa fil-qasam;***

Or. en

Emenda 214
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali;	15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali; ***jappella għad-dritt għat-taħriġ matul il-***

ħin tax-xogħol u mingħajr kost għall-ħaddiema; jappella għar-rispett sħiħ ta' standards stretti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'mod speċjali f'postijiet tax-xogħol li jippreżentaw perikli bijoloġiċi; jenfasizza l-fatt li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità tajba, il-pagi deċenti, ir-rispett tal-ftehimiet kollettivi u d-dritt għal trade unions huma essenzjali biex tiġi attirata forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati fis-settur;

Or. en

Emenda 215
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali;	15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu ***appoġġjati u*** promossi l-ħiliet intraprenditorjali; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aġġustati l-programmi edukattivi tradizzjonali, kif ukoll taħriġ u taħriġ mill-ġdid fuq terminu medju u twil, għall-evoluzzjoni malajr tas-settur tal-bijoteknoloġiji, sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa ta' persunal speċjalizzat u jiġi evitat tfixkil potenzjali fis-suq tax-xogħol f'dan il-qasam;***

Or. ro

Emenda 216
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali;	15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali; ***jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-aħjar prattiki biex jiġu appoġġjati t-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura, titrawwem kollaborazzjoni fl-industrija u jiġu offruti programmi mmirati f'oqsma bħall-konformità regolatorja, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-inġinerija tal-proċessi;***

Or. en

Emenda 217
Dimitris Tsiodras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jissottolinja*** l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol ***Ewropea*** b'ħiliet ***fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali***;	15. ***Jenfasizza*** l-ħtieġa ta' ***miżuri konkreti biex jiġi żgurat l-iżvilupp ulterjuri ta'*** forza tax-xogħol b'ħiliet ***speċjalizzati u diversa fl-Istati Membri kollha tal-UE inklużi fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' Ċentri ta' Kompetenza li jipprovdu għarfien espert u ħiliet, azzjonijiet ta' taħriġ speċifiku bħat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u inċentivi għal inizjattivi ta' taħriġ pubbliċi-privati***;

Or. en

Emenda 218
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali;	15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet fis-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u biex jiġu promossi l-ħiliet intraprenditorjali***, f'kollaborazzjoni mal-industrija***; ***jitlob li jiġi vvalutat mill-ġdid il-potenzjal ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-ambitu tal-Kunsill tal-Kummerċ u l-Ekonomija u, jekk din is-sitwazzjoni tintlaħaq, jiġu attirati riċerkaturi tal-Istati Uniti fl-UE;***

Or. en

Emenda 219
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jirrimarka li individwi kwalifikati ħafna bħalissa huma disponibbli għall-impjieg minħabba s-sensji u r-ristrutturar li seħħew f'pajjiżi terzi jew instabbiltà politika u deċiżjonijiet maniġerjali ħżiena li jiskoraġġixxu l-impjieg f'ċerti partijiet tad-dinja; jilqa' bi pjaċir l-Unjoni tal-Ħiliet tal-Kummissjoni u l-pjan tagħha li tippreżenta l-Istrateġija tal-Viża, tespandi l-programmi Marie Curie u Erasmus+, u tiżviluppa l-Uffiċċji ta' Gateway Legali, li kollha għandhom l-għan li jappoġġjaw il-wasla tal-aqwa talenti, inklużi studenti, riċerkaturi u ħaddiema mħarrġa minn pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta aħjar l-oqfsa legali eżistenti bħad-Direttiva dwar il-Karta Blu, id-Direttiva dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi u d-Direttiva dwar Residenza fit-Tul tal-UE, li kollha kemm huma jippermettu drittijiet tal-mobbiltà ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jitlob, f'dak ir-rigward, lill-

Kummissjoni tibni fuq l-inizjattiva tar-Riżerva ta' Talenti tal-UE, kif ukoll proċeduri tal-viża rapidi u ffaċilitati, flimkien mal-Istati Membri biex tiżgura reklutaġġ effiċjenti taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'livell għoli ta' ħiliet meħtieġa biex jappoġġjaw l-iżvilupp tas-soċjetà diġitali;

Or. en

Emenda 220
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti Draghi u Letta, tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent tan-negozju attraenti li jippermetti l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità sabiex jiġi pprevenut l-eżodu ta' mħuħ u jiġi attratt talent minn pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 221
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata;*** jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li	16. Jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;

jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;

Or. en

Emenda 222
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;	16. Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***relattivament b'riskju għoli***, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata***; jappella għal appoġġ iddedikat għall-SMEs, għall-kumpaniji start-up u li qed jespandu, li jiżgura li jistgħu jikkompetu fuq livell globali u jaċċessaw il-finanzjament meħtieġ biex jespandu***; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;

Or. en

Emenda 223
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li	16. Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li

tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju***,*** ***il-fondi tal-pensjonijiet*** u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;	tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu; ***jenfasizza li l-inċentivi fiskali fuq l-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp għandhom rwol ewlieni fid-deċiżjonijiet ta' investiment u li għalhekk huwa meħtieġ approċċ tal-UE aktar uniformi;***

Or. en

Emenda 224
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;	16. Jappella biex titlesta b'mod urġenti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu; ***jisħaq li l-kost tal-falliment fl-Unjoni jrid jitnaqqas biex jiġu attirati investimenti kapitali fuq skala kbira;***

Or. en

Emenda 225
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Paolo Borchia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jappella biex titlesta b'mod urġenti*** l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;	16. ***Jinnota li*** l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ***għad trid titlesta; jitlob lill-Kummissjoni tistudja miżuri bħat-tnaqqis tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni*** bil-għan li tiġbed investituri istituzzjonali lejn l-industrija tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura, inklużi l-kapital ta' riskju, il-fondi tal-pensjonijiet u l-ekwità privata; jenfasizza li l-ostakli għall-investiment transfruntier jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura ta' kumpaniji li qed jespandu;

Or. en

Emenda 226
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi sejħiet iddedikati u flussi ta' finanzjament għal kumpaniji start-up tal-bijoteknoloġija f'Orizzont Ewropa; jitlob li dawn il-programmi jkollhom speċifikament fil-mira kumpaniji fl-istadju bikri, li għadhom 'il bogħod mill-prontezza tas-suq u ta' spiss jiffaċċjaw fallimenti tas-suq; jenfasizza li s-settur tal-bijoteknoloġija jbati minn livell għoli ta' attrizzjoni fl-innovazzjoni fl-istadju bikri u li l-għotjiet, il-garanziji u s-self għandhom jibqgħu jiġu diretti biss lejn proġetti eċċellenti, li kapaċi juru mertu xjentifiku sod;

Or. en

Emenda 227
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji start-up innovattivi jiġu akkwistati minn laboratorji akbar; jitlob lill-Kummissjoni tesplora x'inhu jxekkel strateġiji ta' ħruġ oħra, bħall-IPOs, għal ditti innovattivi ġodda biex jespandu fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 228
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jenfasizza li biex tiġi stimulata d-domanda għal prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli fuq dawk petrokimiċi, l-akkwist pubbliku għandu jagħti prijorità lill-kriterji tal-kwalità u tas-sostenibbiltà fil-proċedura tal-għoti filwaqt li jintroduċi kwoti tal-kumpaniji start-up speċifiċi biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' kumpaniji start-up fl-akkwist u fis-sottokuntrattar;

Or. en

Emenda 229
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;*** iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;	17. Iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; ***ifakkar li kwalunkwe appoġġ pubbliku lil entitajiet privati fis-settur għandu soġġett għar-rispett ta' kundizzjonalità soċjali stretta, inkluż ir-rispett ta' ftehimiet kollettivi, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u pagi deċenti; jisħaq li l-kumpaniji li jirċievu finanzjament pubbliku ma għandhomx jitħallew jiddistribwixxu dividendi eċċessivi, jirrikorru għal rifuġji fiskali, jipproċedu b'sensji għal raġunijiet ekonomiċi u għandhom jirrimborżaw il-finanzjament pubbliku li jirċievu f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom; ifakkar li l-kumpaniji li ma jikkonformawx mal-liġi tax-xogħol u r-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza ma għandhomx ikunu jistgħu jibbenefikaw minn sussidji pubbliċi diretti u għandhom jiġu eskluży mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku;***
	Or. en

Emenda 230
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi

Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;	Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***u jiżdied il-prospett li l-PI tal-bijoteknoloġija tibqa' fl-Ewropa***; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; ***jappella għat-tnedija ta' IPCEI tal-bijoteknoloġija biex tiġi permessa l-produzzjoni tal-massa ta' kimiċi b'bażi bijoloġika, materjali u ingredjenti tal-ikel/għalf għat-tneħħija tar-riskji ta' investimenti kbar f'użi industrijali ta' min jidħol l-ewwel;***

Or. en

Emenda 231
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura***; jisħaq li s-settur tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-Ewropa huwa kkaratterizzat minn konċentrazzjoni għolja ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), b'kuntrast mal-istrutturi korporattivi aktar ikkonsolidati osservati fl-Istati Uniti u fiċ-Ċina***; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-

bijomanifattura;	programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 232
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; ***jissottolinja li l-SMEs tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura huma kruċjali għat-tmexxija tal-innovazzjoni tal-UE iżda jiffaċċjaw ostakli sproporzjonati biex jiksbu l-kapital;*** jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 233
Eszter Lakos, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; ***jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja liċ-ċentri tal-bijoteknoloġija eżistenti u ġodda fl-UE kollha;***

Or. en

Emenda 234
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma ***essenzjali*** biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura ***b'riskju għoli***; jappella għal inizjattiva ta'	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma ***importanti*** biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura ***li għandhom il-potenzjal ta' impatt pożittiv***

finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;	***ħafna***; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 235
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; iħeġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex jappoġġjaw proġetti ***finanzjarji*** ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura;

Or. en

Emenda 236
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-	17. Jinnota li s-sħubijiet pubbliċi-

privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; ***iheġġeġ li l-istrumenti ta' investiment tal-UE bħall-programm InvestEU jissaħħu biex*** jappoġġjaw ***proġetti ta' bijoteknoloġija u ta' bijomanifattura b'riskju għoli; jappella għal inizjattiva ta' finanzjament iddedikata għall-SMEs biex tappoġġja l-kumpaniji start-up u li qed jespandu tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura***;	privati u l-istrateġiji ta' investiment tal-UE mmexxija mill-missjonijiet, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, huma essenzjali biex jitneħħew ir-riskji għall-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura; ***jappella għat-tishiħ u l-promozzjoni aħjar tal-istrumenti tal-UE eżistenti li*** jappoġġjaw ***ir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti b'bażi bijoloġika u l-kapaċità tal-bijomanifattura, filwaqt li jiġi żgurat li l-finanzjament jiġi dirett lejn innovazzjoni sikura, etika u soċjalment responsabbli***;
	Or. en

Emenda 237
Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jappella għal inizjattivi ta' finanzjament, proċeduri amministrattivi, faċilitajiet u appoġġ iddedikati għall-SMEs, imfassla skont il-kapaċitajiet tagħhom, biex jappoġġjaw it-terapija batterjofaġika u n-negozji tal-bijomanifattura; jirrakkomanda li t-teknoloġiji bbażati fuq il-fagi jiġu inklużi espliċitament fl-istrumenti ta' finanzjament tal-innovazzjoni tal-UE, u jibbenefikaw minn protezzjonijiet tal-PI u inċentivi tad-dħul fis-suq imfassla apposta, b'mod speċjali f'oqsma ta' ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati u l-AMR;
	Or. en

Emenda 238
Sigrid Friis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-bijoteknoloġiji tal-ikel u l-bijomanifattura tal-ikel fost is-setturi elenkati fl-att delegat tat-tassonomija tal-UE, sabiex jiġu inċentivati investimenti sostanzjali lejn dawn il-kumpaniji u jiġu appoġġjati l-isforzi tal-UE li tespandi l-investimenti sostenibbli;

Or. en

Emenda 239
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jirrakkomanda li jkun hemm kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini fir-rigward tal-karattru, tal-vantaġġi u tal-bidliet relatati maż-żieda ta' prodotti, proċessi u servizzi bbażati fuq il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura fis-suq Ewropew sabiex tittejjeb l-aċċettazzjoni pubblika;

Or. en

Emenda 240
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	17a. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku fl-UE tal-prodotti tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura għandhom jissaħħu aktar; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili f'dan il-kuntest;

Or. en

Emenda 241
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-bijoteknoloġiji u l-bijomanifattura fil-lista tas-setturi koperti fl-att delegat tat-tassonomija tal-UE, li jippermetti li investiment sinifikanti jiġi ridirezzjonat lejn kumpaniji tal-bijoteknoloġija;

Or. en

Emenda 242
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha ***biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-***	18. ***Jisħaq li, għalkemm l-Ewropa teċċella fl-innovazzjoni tal-proċess, hi tkompli tiffaċċja diffikultajiet biex taqleb innovazzjonijiet bħal dawn f'soluzzjonijiet industrijali u prodotti kummerċjalment vijabbli;*** jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-

riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u ***għall-bijomanifattura bil-għan*** li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;	riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha ***li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-universitajiet, lill-atturi industrijali, lill-investituri u lill-aġenziji tal-innovazzjoni, sabiex jiġu kkoordinati l-investimenti pubbliċi fir-riċerka u l-iżvilupp fl-oqsma tal-bijoteknoloġija*** u ***tal-bijomanifattura, bl-objettiv doppju*** li jingħalaq id-distakk ***fl-innovazzjoni u*** fl-eċċellenza ***tal-Unjoni u jiġi indirizzat in-nuqqas attwali ta' infrastrutturi tal-bijomanifattura fuq skala kbira li huma kapaċi jikkompetu ma' dawk stabbiliti fl-Istati Uniti u fiċ-Ċina***;

Or. en

Emenda 243
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li ***jingħalaq id-distakk*** fl-eċċellenza;	18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella ***għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni pan-Ewropea u l-ġbir ta' għarfien u riżorsi, inkluż l-isfruttar tal-finanzjament pubbliku b'investimenti privati biex jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà kumplessi; jappella*** għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li ***jingħalqu d-distakki*** fl-eċċellenza***, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni***;

Or. en

Emenda 244
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;	18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza; ***jissottolinja li l-bijoteknoloġija industrijali u ambjentali, il-bijoteknoloġija tal-baħar, il-bijoteknoloġija tas-saħħa u l-bijoteknoloġija agroalimentari kollha jridu jirċievu appoġġ immirat, bħal Orizzont Ewropa u l-Programm Qafas;***

Or. en

Emenda 245
Dimitris Tsiodras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-	18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; ***jirrikonoxxi, b'mod simili li r-riċerka u l-iżvilupp li skaditilhom il-privattiva***

riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;

bħalissa mhumiex appoġġjati b'mod adegwat u huma kumplessi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura ***matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott u tal-innovazzjoni,*** bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;

Or. en

Emenda 246
Carlo Ciccioli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;	18. ***Ifakkar fir-rwol tal-Programmi Qafas, bħal Orizzont Ewropa, fit-trawwim ta' xjenza eċċellenti, żvilupp teknoloġiku u innovazzjoni;*** jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;

Or. en

Emenda 247
Eszter Lakos, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi	18. ***Ifakkar fir-rwol tal-Programmi***

Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;	***Qafas, bħal Orizzont Ewropa, fit-trawwim ta' xjenza eċċellenti, żvilupp teknoloġiku u innovazzjoni;*** jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;
	Or. en

Emenda 248
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;	18. jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura ***għall-benefiċċju tal-abitanti Ewropej u l-ħtiġijiet tagħhom*** bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;
	Or. en

Emenda 249
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li ***jingħalaq*** id-distakk ***fl-eċċellenza***;	18. jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u mhux ikkoordinati biżżejjed, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li ***jitnaqqas*** id-distakk ***fl-innovazzjoni u tiġi żgurata kummerċjalizzazzjoni ta' suċċess***;
	Or. en

Emenda 250
Margarita de la Pisa Carrión, Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Pascale Piera

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u ***mhux ikkoordinati biżżejjed***, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;	18. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi pubbliċi Ewropej għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għadhom kumplessi u ***huma nieqsa minn biżżejjed koordinazzjoni u monitoraġġ***, u dan jirriżulta f'duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi; jappella għal approċċ mifrux għall-UE kollha biex jiġi kkoordinat l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura bil-għan li jingħalaq id-distakk fl-eċċellenza;
	Or. en

Emenda 251
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja għas-simplifikazzjoni tal-proċedura u t-titjib tal-protezzjoni tal-privattiva fil-livell Ewropew, biex il-prezzijiet isiru aktar raġonevoli għall-inventuri (individwi, intrapriżi u organizzazzjonijiet ta' riċerka) u għas-soluzzjoni ta' tilwim f'dan il-qasam għall-Istati Membri parteċipanti tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li ma ngħaqdux mas-sistema ta' privattiva unitarja jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun sabiex jistimulaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-investiment fl-innovazzjoni, u b'hekk jgħinu biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku fl-UE;

Or. ro

Emenda 252
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li 3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju tal-innovazzjoni" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE;	19. ***Jenfasizza r-rwol tal-Programmi Qafas bħall-Orizzont Ewropa attwali, fit-trawwim ta' xjenza eċċellenti, żvilupp teknoloġiku u innovazzjoni;*** itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li 3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju tal-innovazzjoni" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-investimenti privati Ewropej fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni għadhom lura meta mqabbla ma' ta' ekonomiji ewlenin oħra bħaċ-Ċina u l-Istati Uniti; għal aktar investiment fir-RŻI biex jikkomplementa l-fondi pubbliċi u jingħalaq id-distakk fl-**

innovazzjoni mal-kompetituri tal-UE; jinnota li l-espansjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka għadhom sfida kbira fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 253
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li 3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju tal-innovazzjoni" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE;	19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li 3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju tal-innovazzjoni" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE; ***jinsisti, madankollu, li minħabba n-natura sensittiva tiegħu, is-settur tal-bijoteknoloġija jirrikjedi wkoll prinċipju ta' valutazzjoni tar-riskju etiku biex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat bejn l-innovazzjoni u l-kompetittività, il-libertà tar-riċerka, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet;***

Or. en

Emenda 254
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li	19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li

3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju tal-innovazzjoni" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE;	3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju tal-innovazzjoni" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE; ***jappella għall-ħolqien ta' qafas li jixpruna l-investimenti kapitali u jippromwovi s-sħubijiet pubbliċi-privati u ċ-ċentri tar-riċerka;***

Or. en

Emenda 255
Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li 3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju ***tal-innovazzjoni***" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE;	19. Itenni t-talba li l-baġit tar-riċerka tal-UE jiġi rduppjat u li tintlaħaq il-mira li 3 % tal-prodott domestiku gross Ewropew ikunu ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; jappella biex il-"prinċipju ***ta' prekawzjoni***" jiġi integrat bħala prinċipju transsettorjali għall-finanzjament kollu tal-UE;

Or. en

Emenda 256
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota r-rwol dejjem jikber tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-	20. Jinnota r-rwol dejjem jikber tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; ***iqis li l-użu etiku tal-IA, il-bijoinformatika u l-bijoloġija sintetika huwa kruċjali biex***

istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE;	***tinbena l-fiduċja u għas-soċjetà ġenerali biex tibbenefika minn dawn it-teknoloġiji; jistieden lill-kumpaniji u lir-riċerkaturi tal-bijoteknoloġija biex jużaw biss mudelli tal-IA avvanzati li sarulhom valutazzjonijiet tas-sikurezza esterni robusti; jitlob biex il-kumpaniji li jintegraw sistemi tal-IA, b'mod speċjali fis-settur tal-bijoteknoloġija tas-saħħa, jagħtu prijorità lill-privatezza u s-sigurtà tad-data, kif ukoll, lit-trasparenza, lill-obbligu ta' rendikont u lill-ġustizzja fl-algoritmi tal-IA tagħhom;*** jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura ***etiċi*** fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE ***b'regoli ċari, koerenti, ibbażati fuq ir-riskju li jirregolaw l-użu tal-IA fir-riċerka xjentifika u fil-manifattura***;

Or. en

Emenda 257
Julie Rechagneux, Barbara Bonte, Margarita de la Pisa Carrión, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota r-rwol dejjem ikbar tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE;	20. Jinnota r-rwol dejjem ikbar tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġiji diġitali u tal-intelliġenza artifiċjali tal-Unjoni jintegraw bis-sħiħ il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet speċifiċi relatati mal-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija u fil-bijomanifattura, inkluż fir-rigward tal-governanza tad-data, il-computing bi prestazzjoni għolja u t-trasparenza algoritmika fl-oqsma tas-saħħa u tax-***

xjenzi tal-ħajja;

Or. en

Emenda 258
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota r-rwol dejjem ikbar tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE;	20. Jinnota r-rwol dejjem ikbar tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE***, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura li l-implikazzjonijiet etiċi tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u l-applikazzjonijiet bijoteknoloġiċi xprunati mill-IA jitqiesu bis-sħiħ u jiġu rregolati kif xieraq, b'rispett għad-drittijiet fundamentali u għad-dinjità tal-bniedem***;

Or. en

Emenda 259
Hildegard Bentele, Christian Ehler, Niels Flemming Hansen, Matej Tonin, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota r-rwol dejjem ikbar tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE;	20. Jinnota r-rwol dejjem ikbar tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE***, filwaqt li***

	tiżgura l-interoperabbiltà bejn l-infrastruttura tad-data tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura u l-pjattaformi tas-sejbien ibbażati fuq l-IA;

Or. en

Emenda 260
Morten Løkkegaard, Jeannette Baljeu, Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota r-rwol dejjem jikber tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE;	20. Jinnota r-rwol dejjem jikber ***tad-data,*** tal-bijoloġija sintetika, tal-bijoinformatika u tar-riċerka rivoluzzjonarja dwar il-bijoteknoloġija mmexxija mill-IA; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-innovazzjoni tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura fl-istrateġiji diġitali u tal-IA tal-UE;

Or. en

Emenda 261
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza li l-istrateġiji tal-UE għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura futuri jridu jkunu msejsa fuq il-ġustizzja ambjentali, l-ekwità intergenerazzjonali u salvagwardji tal-interess pubbliku sodi, filwaqt li jiżguraw sorveljanza demokratika u parteċipazzjoni taċ-ċittadini fi proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 262
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jinnota li l-kapaċitajiet tal-IA huma dipendenti mil-użu effiċjenti tad-data; iqis li l-ħolqien ta' spazji tad-data industrijali għall-bijoteknoloġija u għall-bijomanifattura u l-adozzjoni ta' standards tad-data bijoloġika huma importanti għall-kondiviżjoni tad-data effiċjenti;

Or. en

Emenda 263
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jirrikonoxxi li filwaqt li s-sistemi tal-IA u l-computing kwantistiku jistgħu iħaffu b'mod sinifikanti r-riċerka u jwasslu għal innovazzjonijiet ġodda, jippermettu disinji komputazzjonali aħjar ta' sistemi bijoloġiċi u mezzi aktar veloċi tal-inġinerija tad-DNA u l-ġenomi tal-organiżmi, dawn jistgħu jnaqqsu wkoll l-ostakli għat-theddid bijoloġiku; jappella, għalhekk, għal qafas ta' governanza robust biex jiġi indirizzat dan it-theddid;

Or. en

Emenda 264
Eero Heinäluoma, Bruno Tobback

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jiddeplora li l-falliment reċenti tal-kumpanija ġenealoġika se jirriżulta fil-bejgħ tal-informazzjoni ġenetika ta' 15-il miljun persuna, mingħajr kunsens minn qabel tal-individwi affettwati;

Or. en